# IL-POLITIKA TA' MALTA GĦAL GOVERNANZA LOKALI 2009

"Aħna rridu ndaħħlu l-kunċett ta' żvilupp sostenibbli fl-istrata ekonomika, soċjali u ambjentali tal-lokalitajiet tagħna. Aħna nemmnu fil-potenzjal tal-lokalijiet tagħna u aħna qed infasslu l-Istrateġija Nazzjonali għal Żvilupp Sostenibbli biex tikkumplimenta u tappoġġja lill-inizjattivi fuq livell lokali."

*Gvern ta' Malta għal-Lokalitajiet Sostenibbli: 2008*

## Il-Kontenut tal-Politika

## Kelmtejn Qabel

## L-Ambitu tal-Politika

Awtonomija u Żieda fid-Devoluzzjoni tal-Poter
Tmexxija Demokratika u Setgħa lill-Komunitajiet
Nagħtu prijorità lill-ideat tal-Komunità
Noħolqu Viżjoni Komunitarja
Nagħtu prijorità lill-Miri u l-għanijiet tal-Komunità
Niċċentralizzaw l-Iżvilupp Sostenibbli fl-Għanijiet tal-Komunitajiet
Il-prijorità ta' Solidarjetà effettiva fil-komunitajiet
Nintegraw is-Sussidjarjetà fil-Metodi ta' Ħidma tal-Kunsilli Lokali
Nibnu Pjan Komprensiv
Effettività u Effiċjenza fl-Għoti tas-Servizz
Stima ta' Nfiq bil-Quddiem u Pjan dwar il-Faċilitajiet tal-Kapital

## Temi u Sfidi

Naħdmu flimkien biex inwasslu l-bidla
Nindirizzaw il-kunċett ta' servizz ta' kwalità
Nistabilixxu riformi biex nibbilanċjaw mill-ġdid ir-relazzjoni bejn iċ-ċentru u l-lokalità
Nagħtu opportunità lill-imsieħba lokali biex jaħdmu flimkien
Nagħtu s-Setgħa lill-Komunitajiet
Ir-Realtajiet Demografiċi, Ekonomiċi, Ambjentali, Lokali u Soċjali
Ninvolvu l-partijiet interessati fil-ħolqien tal-Istrateġiji Nazzjonali
Strateġiji tal-Gvern Lokali u l-allinjament tagħhom mad-Direttivi tal-UE
Allinjament tal-Viżjoni u nkabbru sal-massimu l-Fiduċja fil-Komunità

## Noħolqu Għanijiet mmirati lejn Implimentazzjoni Effettiva tal-Politika

Intejbu d-Demokrazija

Intejbu l-Għoti ta' Servizz ta’ Kwalità

Nikkontribwixxu lejn l-attivitajiet li jġibu magħhom l-Inklużjoni Soċjali

Protezzjoni u Ħarsien tal-ambjent

L-Iżvilupp Sostenibbli u Integrat

Sussidjarjetà

Solidarjetà fil-formazzjoni Nazzjonali tal-Kunsilli Lokali Nazzjonali

Il-kontribut tal-Kunsilli Lokali lejn il-Viżjoni ta’ Malta għall-2015

Nibnu Vantaġġ Komparattiv permezz tar-Riżors Uman

Nappoġġjaw l-Iżvilupp Karatteristiku tal-Lokalitajiet

Parteċipazzjoni tal-Komunità

Effiċjenza u Valur għall-Flus

Nilħqu l-Indikaturi ta’ Prestazzjoni

## Monitoraġġ tal-Implimentazzjoni tal-Politika

Kif għandna nimxu biex ikollna Lokalitajiet Sostenibbli

## Kelmtejn Qabel



Għaddew 15-il sena minn mindu twaqqfet is-sistema tal-kunsilli lokali fil-Gżejjer Maltin. Biex jivvaluta aħjar il-prestazzjoni preżenti tal-Kunsilli Lokali, il-Gvern beda eżerċizzju wiesa' ta' konsultazzjoni bl-għan li jirfina l-prattiċi ta' ħidma biex jiżgura l-iżvilupp sostenibbli tal-lokalitajiet f'Malta u Għawdex.

Malta adottat sistema ta' approċċ unitarju fuq żewġ binari fejn diversi funzjonijiet li qabel kienu jsiru mill-Gvern Ċentrali ġew diċentralizzati u devoluti lill-kunsilli lokali. Is-sistema tikkonċentra l-aktar fuq is-sostenibbilità, titmexxa mill-kontribuzzjoni awtonoma tal-komunitajiet lejn l-isfidi nazzjonali, indirizzata lejn l-istrateġiji tal-komunità u, min-naħa tagħha, tagħti prijorità lill-kunċett ta' għaqda komunitarja.

Il-Kunsilli Lokali qed ikunu mistiedna biex jibbażaw il-funzjonijiet u l-operabilità tagħhom fuq deċiżjonijiet li jqisu liċ-ċittadini, fejn tingħata l-attenzjoni fuq l-identifikazzjoni ta' azzjonijiet fuq livell komunitarju fid-dawl tal-possibilitajiet disponibbli fuq livell nazzjonali, reġjonali u lokali.

Barra dan, il-Gvern hu intenzjonat li joffri inċentivi lill-kunsilli lokali biex jadottaw u jikkontribwixxu lejn l-istrateġiji nazzjonali, jagħmlu użu effiċjenti mill-enerġija, l-immaniġġjar tal-iskart u l-ħolqien ta' programmi edukattivi li jippromwovu l-parteċipazzjoni tal-komunità u l-iskejjel f'kwistjonijiet ambjentali, soċjali u kulturali.

Il-proċess ta' riforma flimkien ma' dan id-dokument ta' gwida politika huma adattati għal żieda fir-responsabilità tal-lokalitajiet, jipprovdu qafas ta' ħidma aktar b'saħħtu lill-kunsilli lokali biex jaħdmu

b'kollaborazzjoni flimkien, waqt li jieħdu deċiżjonijiet konġunti, iżidu l-kapaċita tal-kunsilliera lokali biex jitrattaw kwistjonijiet relatati mal-lokalità tagħhom u jidderiġu kwistjonijiet bħal dawn fid-dawl ta' deċiżjonijiet li għandhom jittieħdu għas-sostenibbilità tan-nazzjon b'mod ġenerali. Barra minn hekk, dan id-dokument ta' politika jidentifika r-responsabilità kemm tal-gvern ċentrali u tal-gvern lokali biex ikun hemm tali proċessi ħalli jilqgħu b'mod effettiv għall-benefiċċji tal-ġenerazzjonijiet preżenti u futuri.

Chris Said
Segretarju Parlamentari
Konsultazzjoni Pubblika u Informazzjoni

## Introduzzjoni

## Sfond dwar il-Kunsilli Lokali f'Malta

Is-sistema ta' gvern f'Malta hi sistema unitarja fuq żewġ binari. Il-Gvern Lokali twaqqaf fl-1993 wara l-approvazzjoni mill-Kamra tar-Rappreżentanti fit-30 ta' Ġunju 1993, tal-*Att dwar Kunsilli Lokali* (Kapitolu 363, Liġijiet ta' Malta). Din il-liġi waqfet il-Kunsilli Lokali bħala entitajiet governattivi lokali u stabbilixxiet ir-responsabbilitajiet tagħhom. L-*Att dwar Kunsilli Lokali* hu wkoll il-leġiżlazzjoni regolatorja ewlenija, li permezz tagħha ġiet ippubblikata leġiżlazzjoni sussidjarja biex tirregola l-finanzi, is-sejħa għall-offerti, l-awditjar, ir-riżorsi umani u oqsma oħra li jaffettwaw il-ħidma u l-operat tal-gvern lokali.

L-*Att dwar Kunsilli Lokali* ġie mfassal fuq il-Karta Ewropea għat-Tmexxija Awtonoma Lokali tal-Kunsill tal-Ewropa. Din il-Karta kienet iffirmata u ratifikata mill-Gvern Malti, li b'hekk qed jikkontribwixxi biex jadotta u jimplimenta l-prinċipji deskritti f'dan id-dokument.

Fl-21 ta' Diċembru 1999 u fi Frar 2005, l-*Att dwar Kunsilli Lokali* kien rivedut u ġew effettwati għadd ta' emendi.

Pass ieħor importanti li ttieħed biex jikkonsolida lill-Gvern Lokali f'Malta kien meta s-sistema tal-gvern lokali ġiet tagħmel parti mill-Kostituzzjoni ta' Malta. Fl-24 ta' April 2001, Att No. XIII tal-2001 emenda l-Kostituzzjoni, li jiddikjara li:

"L-Istat għandu jadotta sistema ta' gvern lokali li biha t-territorju ta' Malta għandu jinqasam f'għadd ta' lokalitajiet li minn żmien għal żmien jista' jkun determinat bil-liġi, fejn kull lokalità tkun amministrata minn Kunsill Lokali elett mir-residenti tal-lokalità u mwaqqaf u jopera skont it-tali liġi li tkun fis-seħħ minn żmien għal żmien."

Illum jinħass li fuq il-15-il sena esperjenza li għaddew, wieħed jeħtieġ jagħti rendikont tas-sitwazzjoni preżenti, jidentifika l-ħtiġijiet kemm preżenti kif ukoll tal-futur, u jiddetermina l-politika ddikjarata.

Il-proċess ta' riforma tal-gvern lokali tal-2008, li sar permezz ta' konsultazzjoni wiesgħa mal-partijiet kollha interessati, kien strumentali biex ikunu identifikati l-prattiċi tajba li jeħtieġ li jissaħħu u jiġu applikati, kif ukoll it-tħassib li għandu jiġi indirizzat bl-għan li tinkiseb il-vijabilità ekonomika, l-effiċjenza, u l-effettività fl-amministrazzjoni lokali.

Il-proċess ta' riforma identifika wkoll il-prinċipji bażiċi li fuqhom il-Gvern Ċentrali se jkompli jibni l-politika tal-Gvern Lokali. Fil-fatt dan id-dokument ta' politika jiddeskrivi r-rwol tal-kunsilli lokali kollha, l-imsieħba, iċ-ċittadini u l-partijiet interessati biex tintlaħaq il-viżjoni strateġika għal Malta għall-2015. Il-gvern jemmen fir-rwol u l-potenzjal tal-gvern lokali illi jindirizza b'mod effettiv dawn l-isfidi nazzjonali, partikolarment billi jiżgura sinerġija b'saħħitha bejn l-awtoritajiet ċentrali u lokali, kif ukoll bejn il-lokalitajiet fejn kull lokalità tħabbrek biex tikkontribwixxi għall-miri lokali u reġjonali diġà mwaqqfa.

L-għan tagħna hu li nikkordinaw l-isforzi tal-kunsilli lokali biex nilħqu il-prinċipju tal-iżvilupp sostenibbli b'mod effettiv, permezz ta' inizjattivi lokali li jkunu responsabbli u proattivi, fejn dawn l-attivitajiet lokali tal-komunità għandhom iqisu l-benefiċċji tanġibbli u mhux tanġibbli għall-komunitajiet lokali u dawk mistiedna, is-soċjetà b'mod ġenerali u għall-benefiċċji tal-ġenerazzjonijiet li ġejjin.

## L-Għan tal-Politika

L-għan ta' dan id-dokument ta' politika hu dak li jwaqqaf qafas ta' ħidma li fih l-awtoritajiet lokali u l-imsieħba tagħhom jistgħu jaħdmu.

Il-qafas sostnut mir-Rapport dwar ir-Riforma Nazzjonali tal-Kunsilli Lokali jipprovdi titjib fil-*modus operandi* li se jkun ibbażat fuq it-tliet prinċipji ta' gwida li jiddeskrivu l-Viżjoni tal-Gvern Lokali 2015, jiġifieri **Sussidjarjetà**, **Solidarjetà** u **Sostenibilità**:

## SUSSIDJARJETÀ

Ir-realizzazzjoni ta' dan il-prinċipju għandu jiżgura li d-deċiżjonijiet jittieħdu qrib kemm jista' jkun taċ-ċittadin. Il-prinċipju tas-sussidjarjetà, li kien introdott fit-Trattat ta' Maastricht u ġie fis-seħħ permezz tat-twaqqif tal-kunsilli lokali fil-lokalitajiet ta' Malta u Għawdex, jissalvagwardja ukoll il-bażi demokratika u l-parteċipazzjoni taċ-ċittadini fit-teħid tad-deċiżjonijiet lokali.

Biex jiġi żgurat li l-prinċipju bażiku hu rispettat, għandhom isiru verifiki kontinwi biex jiġi identifikat jekk azzjoni fuq livell ta' komunità hijiex ġustifikata fid-dawl ta' possibilitajiet disponibbli fuq livell internazzjonali u nazzjonali. Għandu jsir ukoll monitoraġġ biex jiżgura li dan il-prinċipju hu rispettat ukoll mill-kunsilli lokali, billi ċ-ċittadini kollha għandhom jingħataw l-opportunità li jieħdu sehem fid-deċiżjonijiet li jaffettwaw il-lokalità tagħhom, kemm permezz ta' kumitati statutorji jew sotto-kumitati, laqgħat tal-lokalità, jew permezz ta' mekkaniżmi oħra mhux statutorji.

## SOLIDARJETÀ

Il-prinċipju ta' solidarjetà jinkludi spirtu ta' kooperazzjoni bejn awtorità lokali u oħra kif ukoll bejn l-awtoritajiet lokali u l-awtoritajiet ċentrali, inklużi l-aġenziji tal-gvern. Fuq bażi ta' dan il-prinċipju, u b'mod partikolari minħabba konsiderazzjonijiet ta' daqs, il-kunsilli lokali għandhom jaħdmu id f'id mal-kunsilli lokali oħra. Dan jinkludi, fejn hu

possibbli, "kooperazzjoni reġjonali" (fil-kuntest Malti din tfisser kooperazzjoni permezz ta' ftehim iffirmat bejn żewġ kunsilli jew aktar). F'dan ir-rigward, l-istandarizzazzjoni tal-formazzjoni reġjonali qed jitqies b'mod attiv biex ipoġġi fl-istess forma "il-ftehimiet reġjonali" differenti u biex jiġu stabbiliti konfini reġjonali ċari.

Fi ħdan il-prinċipju ta' solidarjetà, iridu jittieħdu miżuri biex jitjiebu l-interrelazzjonijiet bejn il-kunsilli lokali, u r-relazzjonijiet bejn il-Kunsilli u d-dipartimenti tal-gvern, l-aġenziji u l-awtoritajiet. Ir-raġuni wara t-tisħiħ tar-relazzjonijiet bejn il-livelli kollha tal-gvern hi l-għoti ta' servizzi aħjar u aktar effiċjenti liċ-ċittadini, kif ukoll it-titjib tal-għoti ta' servizzi permezz ta' "gvern konġunt". (It-terminu "gvern konġunt" inħoloq diversi snin ilu fir-Renju Unit, meta l-Prim Ministru Tony Blair ippreżenta l-ewwel strateġija ta' '*e-government*' għar-Renju Unit. Il-mira ta' din l-istrateġija kienet dik li "tgħaqqad" is-servizzi elettroniċi sal-2005. Minn dak inhar, dan it-terminu beda jintuża b'mod wiesa' madwar id-dinja biex jiddeskrivi l-integrazzjoni tas-servizzi, il-proċessi, is-sistemi, id-dejta u l-applikazzjonijiet neċessarji biex jintlaħaq gvern magħqud iċċentralizzat lejn iċ-ċittadin.)

Il-prinċipju ta' solidarjetà fi ħdan il-viżjonijiet tal-gvern lokali jimplika li l-partijiet interessati kollha, kemm jekk hu l-gvern ċentrali, il-gvern lokali u s-soċjetà ċivili b'mod ġenerali, jikkooperaw flimkien. Barra minn hekk, il-gvern lokali għandu wkoll ikun għodda li jgħin biex jintlaħqu l-policies nazzjonali.

## SOSTENIBBILITÀ

Il-gvern lokali għandu wkoll parti importanti fl-istrateġija nazzjonali tal-gvern ċentrali, b'mod partikolari fejn jirrigwardja l-prinċipju ta' "lokalitajiet sostenibbli" bħala parti mill-politika wiesgħa ta' żvilupp sostenibbli, b'riżultat ta' dan, strateġija għall-iżvilupp lokali sostenibbli.

Il-politika dwar l-iżvilupp lokali sostenibbli tkopri l-oqsma li jirrigwardjaw l-iżvilupp urban, l-integrazzjoni soċjali u l-prevenzjoni mill-esklużjoni soċjali, id-disinn u l-implimentazzjoni tal-pjanijiet ta' azzjoni lokali lejn is-sostenibbilità, u l-ħtieġa li tinkludi l-ġenerazzjonijiet preżenti u futuri fid-deċiżjonijiet tal-lum. L-iżvilupp lokali sostenibbli jimplika wkoll ippjanar fuq żmien twil u għanijiet li jifformaw parti minn pjan direzzjonali lokali.

Il-bażi għall-prinċipju tal-lokalitajiet sostenibbli hu kkonċentrat b'mod qawwi fuq il-persuni li jagħmlu parti mill-komunità fil-viċinanzi li jiffurmaw il-lokalitajiet, filwaqt li l-lokalitajiet jifformaw reġjuni u li jifformaw l-istat tan-nazzjon. Għalhekk, il-kunċett ta' lokalitajiet sostenibbli hu strateġija minn isfel għal fuq tat-teħid tad-deċiżjonijiet, fejn l-awtoritajiet lokali għandhom irwol ċentrali u importanti. Min-naħa tagħhom, l-awtoritajiet lokali se jitħeġġu biex iħarsu 'l barra mill-konfini immedjati tagħhom biex jippromwovu l-ġid fuq livell lokali kif ukoll reġjonali u kwalità ta' ħajja aħjar. Permezz tal-implimentazzjoni tal-iżvilupp lokali sostenibbli, qed tingħata promozzjoni għal sinerġija qawwija fost il-lokalitajiet fejn kull lokalità se tħabbrek biex tikkontribwixxi għall-miri lokali u nazzjonali.

Dawn it-tliet prinċipji strumentali jaħdmu effettivament jekk ikunu inklużi f'dawn il-prattiċi li ġejjin:

## ŻIEDA FIL-LIVELL TA' AWTONOMIJA: DEĊENTRALIZZAZZJONI U DEVOLUZZJONI TAL-POTER

It-twaqqif tal-kunsilli lokali f'Malta hu qafas ta' ħidma li minn mindu tnieda fuq livell lokali fisser u ppromwova l-appoġġ kontinwu tal-gvern lejn il-kunċett ta' deċentralizzazzjoni u devoluzzjoni tal-poteri amministrattivi. Hu importanti ħafna li tinkludi d-distinzjoni bażika bejn il-kunċetti ta' deċentralizzazzjoni u devoluzzjoni.

> *"Iċ-Ċentralizzazzjoni mhux se tgħin lill-Ewropa biex timxi 'l quddiem. Il-mira mhix li tinħoloq Ewropa tar-reġjuni u l-ibliet, iżda li nintegraw l-Ewropa flimkien mar-reġjuni u l-ibliet tagħha billi nsaħħu l-prinċipju ta' sussidjarjetà u d-drittijiet tar-reġjuni, ibliet u l-muniċipalitajiet."*
>
> Van Den Brand. L (2008) President tal-KtR

Id-*deċentralizzazzjoni* hu kunċett li jirreferi għat-trasferiment tal-poter tat-teħid ta' deċiżjoni u l-għoti tar-responsabbilità fuq ċertu oqsma. Id-deċentralizzazzjoni hi akkumpanjata mid-delegazzjoni tal-awtorità rispettiva fil-livell tal-gvern lokali, b'hekk li tiddeċentralizza l-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet.

Id-*devoluzzjoni* tirreferi għat-trasferiment tad-drittijiet tal-gvern ċentrali lejn il-gvern lokali. Dan iseħħ l-aktar permezz ta' ftehim bil-miktub li bih il-gvern ċentrali jitrasferixxi d-drittijiet lill-kunsilli lokali. Dawn jinkludu d-devoluzzjoni tal-awtorità amministrattiva fuq il-proprjetà pubblika jew il-libreriji lokali lil dawk il-kunsilli li jaċċettaw trasferiment ta' drittijiet bħal dawn.

Il-mekkaniżmu ta' deċentralizzazzjoni b'mod ħolistiku huwa konformi mal-għanijiet imniżżla mill-Kumitat tar-Reġjuni tal-UE (KtR), li billi jiddikjara li:

Il-grad ta' poter fit-teħid ta' deċiżjonijiet hu kkunsidrat bħala punt ċentrali biex topera bejn l-awtorità lokali u l-awtorità ċentrali. Dan se jirrifletti fis-sensiela ta' funzjonijiet li jridu jkomplu jiġu fdati f'idejn il-gvern lokali. L-eżistenza tal-gvern lokali tipprovdi l-opportunità li

titnaqqas konċentrazzjoni żejda tal-poter politiku fil-livell ta' gvern ċentrali u tħalli spazju għal għażliet politiċi differenti biex jsiru f'lokalitajiet differenti fuq bażi ta' prinċipji ta' pluraliżmu u d-demokrazija.

L-essenza u l-għan tad-devoluzzjoni u s-setgħa għandhom jespandu biex jinkludu aspetti li huma aktar qrib tal-qalba tal-fibra tal-komunità lokali u li għandhom relevanza għolja u impatt fuq l-ambjent soċjoekonomiku, il-ġid u l-prosperità. Dan jgħin fit-tisħiħ tal-mudell demokratiku lokali. Dan għandu jgħin ukoll biex tiżdied il-kapaċità li jiġu tradotti policies nazzjonali b'mod effettiv u miri strateġiċi għal prestazzjoni soċjo-ekonomika mtejba fil-pajjiż u fl-istess waqt jitnaqqsu l-kunflitti reġjonali/lokali. Għandhom jitqiesu wkoll kwistjonijiet li jitqiesu li huma għall-qalb in-nies tal-komunità bħas-saħħa, l-edukazzjoni u l-problemi soċjali.

Il-prinċipju tad-Devoluzzjoni tal-Poter fil-livell tal-komunità lokali jixħet dawl fuq kondizzjonijiet intrinsiċi ta' Tmexxija ta' Kwalità Totali (*Total Quality Management* - TQM). Il-mudell ta' Tmexxija ta' Kwalità Totali jidentifika l-'ħaddiem fil-linja ta' produzzjoni' bħala l-'espert' ta' funzjoni jew proċess u jirrikonoxxi l-kontribut ta' individwi fi ħdan kull komunità bħala għodda effettiva biex jiġu identifikati soluzzjonijiet sempliċi u effettivi f'sens ta' nfiq għal problemi eżistenti tal-lokalità. Dan il-mudell jagħmilha possibbli biex il-Gvern jafda u jagħti s-setgħa kif inhu xieraq l-istrutturi tal-gvern lokali f'idejn il-komunità b'tali mod li dawn l-istrutturi jistgħu jidentifikaw u jimplimentaw azzjonijiet u strateġiji li jikkumplimentaw id-direzzjoni u l-politika strateġika nazzjonali iżda li huma mmirati li jindirizzaw il-kunflitti reġjonali individwali.

Permezz tal-Proċess ta' Riforma Nazzjonali, li jsegwi l-Qafas Nazzjonali għall-Iżvilupp Strateġiku li l-prinċipji tiegħu huma fuq bażi tal-Aġenda 21 tal-Unjoni Ewropea, il-komunitajiet lokali huma kontinwament imħeġġa, permezz tal-monitoraġġ, biex itejbu l-livell ta' parteċipazzjoni tal-komunità fil-proċess ta' teħid ta' deċiżjoniji, proċess

li jikkomplimenta l-aspetti soċjali li jappartjenu lill-komunità u r-riżultati elettorali pożittivi. Il-parteċipazzjoni ċivika hi, għaldaqstant, aspett wieħed lejn iż-żieda tal-awtonomija lokali permezz ta' żieda tal-parteċipazzjoni taċ-ċittadini.

## ŻIEDA FIL-LIVELL TA' TMEXXIJA DEMOKRATIKA U S-SETGĦA TAL-KOMUNITÀ

Dan id-dokument ta' politika hu primarjament intenzjonat li jipprovdi gwida biex tisaħħaħ id-demokrazija permezz tal-effiċjenza, it-trasparenza, ir-responsabilità ta' tmexxija sostenibbli fuq livell ta' tmexxija lokali u hu mmirat kemm lejn min jagħmel il-politika u lejn il-persuni amministrattivi u l-pubbliku ġenerali fil-lokalitajiet respettivi. Permezz ta' tmexxija effettiva, it-tmexxija ta' kull lokalità tagħti mertu u valur lill-fiduċja demokratika li ċ-ċittadini joffru permezz tal-vot tagħhom lir-rappreżentanti eletti. It-tmexxija effettiva hi kkunsidrata bħala waħda mill-indikaturi demokratiċi ewlenin ta' valutazzjoni komparattiva.

B'żieda ma' dan, ir-residenti qed ikunu mħeġġa biex jieħdu sehem b'mod attiv flimkien mal-awtorità lokali tagħhom mhux biss matul l-elezzjonijiet iżda b'mod aktar effiċjenti fit-twaqqif ta' prijoritajiet, fil-ħolqien ta' servizzi pubbliċi u fid-deċiżjonijiet li jaffettwaw dawk is-servizzi fil-lokalitajiet partikolari tagħhom. Hu mifhum li aktar ma jkun għoli l-livell ta' parteċipazzjoni, aktar ikunu għolja l-livelli ta' demokrazija u jkun hemm aktar relazzjoni pożittiva fir-rigward tad-distribuzzjoni xierqa tal-ekwità.

## NOĦOLQU VIŻJONI TAL-KOMUNITÀ

Il-valuri importanti tal-komunità joħolqu l-viżjoni tal-komunità. Aħna se nappoġġjaw lil-lokalitajiet li jipprovdu viżjoni ta' għożża ibbażata

fuq id-diversità u fuq dawk li jmexxu 'l quddiem l-iżvilupp sostenibbli armonjuż tal-lokal bejn dak mibni, kważi mibni u l-ambjent naturali.

Appoġġ se jingħata wkoll lil dawk il-lokalitajiet li jimxu ma' strateġija viżjonarja proattiva fuq bażi ta' dikjarazzjonijiet ta' valur u pjanijiet strateġiċi. Dawn il-lokalitajiet huma meqjusa bħala l-mexxejja fuq quddiem li jiddeskrivu l-implimentazzjoni effettiva tal-għanijiet u qed ikunu sostnuti b'mod komplet permezz ta' strateġija deskritta f'dan id-dokument ta' gwida.

## NAGĦTI PRIJORITÀ LILL-IDEAT TAL-KOMUNITÀ

Dan id-dokument ta' politika jippromwovi lill-gvern lokali bħala pjattaforma politika biex kemm jista' jkun jitkabbar l-ispettru sħiħ tal-opportunitajiet li jistgħu joħorġu permezz tal-integrazzjoni taċ-ċittadini fil-governanza. Dan il-proċess ta' setgħa jista' jkun effettivament possibbli permezz ta' proċess ta' riforma bil-parteċipazzjoni u l-involviment tal-komunità li hu kkunsidrat bħala l-għodda ċentrali li ġġib magħha bidla proattivà u pożittiva fil-lokalitajiet.

## NAGĦTU PRIJORITÀ LILL-MIRI U L-GĦANIJIET TAL-KOMUNITÀ

Il-komunitajiet jidentifikaw komponenti tal-viżjoni tagħhom u jipprovdu direzzjoni għall-implimentazzjoni tal-miri li jridu jintlaħqu.

Il-miri huma dikjarazzjonijiet kwalitattivi

- Il-Miri tal-Komunità huma bbażati fuq il-ħtieġa li jkun hemm Kunsilli Lokali li jwieġbu għaċ-ċirkostanzi li qed jinbidlu malajr.

L-għanijiet huma kwantitattivi u li jistgħu jitkejlu

- L-għanijiet tal-komunità huma konformi mal-kundizzjonijiet mitluba biex:

1. Jiġu offruti servizzi aħjar u aktar effiċjenti
2. Ikun hemm titjib fil-Proċeduri fuq Livell Amministrattiv

3. Ikun hemm titjib fir-Riżorsi Umani
4. Ikun hemm titjib fl-Allokazzjoni Finanzjarja annwali u l-Formula rispettiva tal-fondi

## NIBNU PJAN KOMPRENSIV

Għandha jkun hemm strateġija tal-komunità mibnija fuq ippjanar komprensiv mill-kunsilli lokali biex tiżgura viżjoni fuq żmien twil għal tkabbir tal-komunitajiet fil-futur.

L-ippjanar komprensiv jibda bit-twaqqif ta' inventarju marbut mal-patrimonju tanġibbli u mhux tanġibbli tal-lokalità, b'analiżi tal-użu tal-art, li jkun segwit minn analiżi tal-popolazzjoni u demografika, il-kondizzjonijiet ekonomiċi, il-kumditajiet, il-kondizzjonijiet fiżiċi u l-infrastruttura li jiddeterminaw il-ħtiġijiet futuri u l-alternattivi tal-komunità b'mod ġenerali.

Il-proċess ta' ippjanar komprensiv hu wkoll ikkunsidrat kruċjali għat-tisħiħ tal-identità ta' kull komunità u lokalità. L-ispettru sħiħ tal-identitajiet lokali murija huma kkunsidrati ċentrali fis-sostenn effettiv għat-twaqqif tal-prodott ħolistiku tal-Gżejjer Maltin.

Aħna nemmnu fil-valur tad-diversità, u l-kunsilli lokali qed ikunu mistiedna biex jagħtu appoġġ tal-bżonn sħiħ li d-diversifikazzjoni bħal din tipprovdi biex twaqqaf front kompetittiv magħqud, partikolarment fis-setturi li huma kunsidrati kruċjali għall-opportunitajiet ekonomiċi prospettivi tal-Gżejjer Maltin.

## STIMA TA' NFIQ BIL-QUDDIEM U PJAN DWAR IL-FAĊILITAJIET TAL-KAPITAL

Il-proċess tal-ippjanar jitqies kruċjali fil-pjanijiet ta' implimentazzjoni attwali u fil-provvedimenti tas-servizzi. Aktar minn hekk, l-ippjanar bil-quddiem jipprovdi wkoll qafas ta' ħidma sod biex tittieħed deċiżjoni

dwar x'għandu jkun implimentat b'mod immedjat u fil-futur fuq żmien medju u dak imbiegħed. Il-Pjan ta' Ħidma għandu jkun eżerċizzju kollettiv li jiddetermina l-viżjoni fuq perjodu fit-tul tal-kunsill u l-istrateġija biex tintlaħaq viżjoni ta' din ix-xorta.

Aħna nħeġġu tekniki ta' ippjanar dwar l-infiq u l-faċiltajiet tal-kapital bl-għan li niżguraw proċess ta' prijoritizzazzjoni fit-twaqqif ta' pjanijiet li jindirizzaw l-allokazzjoni ta' finanzi u riżorsi umani limitati. Dan il-proċess ta' infiq, li hu fuq bażi ta' mekkaniżmu ta' prijorità, għandu jilħaq l-isfidi nazzjonali waqt li jikkumplimenta prijorità oħra li trid tilħaq il-miri u l-għanijiet tal-komunità.

Aħna nemmnu li ż-żewġ tekniki huma għodda effettivi ta' valutazzjoni komparattiva li permezz tagħha r-riżorsi jintużaw b'mod aktar effettiv fuq livell lokali u, min-naħa l-oħra, joħolqu valur miżjud fit-tmexxija tal-kunsilli lokali, il-kultura u l-istrateġiji tat-tmexxija.

## EFFETTIVITÀ U EFFIĊJENZA FL-GĦOTI TAS-SERVIZZ

Id-diversi lokalitajiet b'kollaborazzjoni mal-appoġġ ipprovdut mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali u l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali, juru r-rieda li jgħaqqdu l-isforzi tagħhom flimkien biex jilħqu l-istandards ta' għoti ta' servizz mixtieqa mitluba mill-komunitajiet, waqt li jilħqu wkoll l-aspettattivi tal-viżitaturi dwar is-servizz fi ħdan dawk il-komunitajiet. Din il-kollaborazzjoni kongunta hija importanti biex jintlaħqu b'mod effettiv l-ogħla livelli fl-infiq effiċjenti biex jipprovdu dawn is-servizzi.

Il-Kunsilli Lokali qed jiġu mistiedna biex jagħtu prijorità sabiex jitwessgħu l-kapaċitajiet tal-għoti tas-servizz u biex jiżdiedu l-istandards ta' soluzzjonijiet għall-problemi billi jinżammu l-istrutturi tal-gvern lokali effiċjenti magħmulin għall-ħtiġijiet varji tal-lokalitajiet differenti.

## Temi u Sfidi

Il-Kunsilli Lokali f'Malta huma mistiedna biex:

A. Jaħdmu kollettivament bl-għan li jġibu bidla, l-aktar f'oqsma relatati ma';

- Żvilupp Ambjentali Sostenibbli
- Zvilupp Ekonomiku Sostenibbli
- Żvilupp Soċjali Sostenibbli
- Żvilupp Kulturali Sostenibbli

- Aktar enfasi fuq it-twaqqif ta' pjan lokali magħmul apposta għal kull kunsill lokali hu kkunsidrat essenzjali peress li dan jindirizza t-tħassib tal-lokalità dwar l-aspetti ambjentali, ekonomiċi, soċjali u kulturali u ż-żoni ta' żvilupp potenzjali jew dawk li jeħtieġu aktar appoġġ.

B. Jikkonċentraw fuq il-kunċett ta' servizz ta' kwalità billi:

- Jilħqu t-talbiet li kontinwament qed jinbidlu fl-aspettattivi tal-pubbliku;

- Jiksbu proċess ta' għoti ta' servizz effiċjenti li hu fuq bażi ta' għażla u li jagħmel parti sħiħa mill-operat tas-servizz pubbliku;

- Joħolqu servizzi magħmula apposta għal lokalitajiet;

- Jindirizzaw id-diversi ħtiġijiet tal-komunità li jvarjaw fuq bażi ta' lokalità, l-isfond soċjali, kulturali, etniku tan-nies flimkien ma' karatteristiċi demografiċi tal-komunità;

- Jaċċettaw li l-proviżjoni ta' servizz ta' kwalità għolja m'għandhiex titqies biss mill-gvern ċentrali u li n-nies għandhom l-ideat u l-kontribut tagħhom biex itejbu s-servizzi pubbliċi;

- Tema ewlenija għal din il-Politika hi l-idea li jiġu ffurmati mill-ġdid is-servizzi pubbliċi madwar iċ-ċittadini u l-komunitajiet li jagħmlu użu minnhom waqt li jikkonsultawhom, jinvolvuhom u jinkoraġġuhom biex ikollhom sehem fl-aspettattivi tas-servizz tagħhom. L-inizjattivi għandhom jikkonċentraw fuq id-destin tal-lokalitajiet kif ukoll fuq it-twettiq tal-aspirazzjonijiet. Min-naħa tiegħu, il-Gvern ċentrali impenja ruħu b'mod effettiv f'proċess ta' riforma kruċjali li bla ebda dubju hi biċċa xogħol kruċjali li tappoġġja, tippromwovi u tiżgura li l-opinjonijiet kollha relevanti jkunu mismugħa u d-drittijiet tal-individwu jkunu protetti. Dan l-approċċ kkordinat se jikkontribwixxi billi jġib diversi interessi tal-komunità flimkien, billi jikkonċentraw fuq għan komuni li jissodisfa l-komunitajiet u l-għixien b'saħħtu tal-komunità rispettiva tagħhom;

- Jiżguraw li l-proċeduri amministrattivi tal-kunsilli lokali huma effettivi, responsabbli, imparzjali, trasparenti u li jirrispondu malajr bl-għan li jilħqu l-ħtiġijiet tal-komunità;

- Ikabbru l-għażla tas-servizzi lokali billi n-nies ikunu jistgħu jikkontrollaw is-servizzi li huma jużaw b'mod individwali;

- Ixerdu l-informazzjoni, jipprovdu l-konsultazzjoni, u jinvolvu liċ-ċittadini tal-lokal bl-għan li jkomplu jilħqu l-bidliet kontinwi fl-aspettattivi tal-pubbliku u biex itejbu l-kwalità u l-prestazzjoni tas-servizzi lokali.

C. Ipoġġu f'posthom riformi li jibbilanċjaw mill-ġdid ir-relazzjoni ċentrali-lokali;

- Il-Gvern se jibqa' ċertament l-attur ewlieni fil-bilanċ li nħoloq bejn il-gvern ċentrali u dak lokali.

Il-gvern ċentrali jrid jiżgura li l-gvernijiet lokali:

- Huma b'mod ċar responsabbli għad-deċiżjonijiet li jittieħdu fuq livell lokali;

- Jipprovdu tmexxija b'saħħitha;

- Jipprovdu inċentivi li jappoġġjaw tkabbir dinamiku tal-komunità;

- Jipprovdu tnaqqis fl-inugwaljanzi u arranġamenti ta' gvern effettiv;

- Jipprovdu pubblikazzjoni/promozzjoni u bdil tal-aqwa prattiċi, partikolarment billi jaħdmu ma' awtoritajiet lokali oħra u l-imsieħba tagħhom biex jappoġġjaw, ixerrdu u jimplimentaw l-aqwa prattiċi;

- Jinkoraġġixu inizjattivi fuq bażi ta' networks fost l-Awtoritajiet Lokali fil-viċinanzi;

- Jinkoraġġixu inizjattivi ta' ħidma mill-qrib marbuta ma' tema partikolari permezz ta' programmi ffinanzjati mill-UE flimkien ma' Stati Membri oħra Ewropej;

- Joffru opportunitajiet ta' taħriġ kontinwu marbut mal-istandards tas-servizz u l-Kodiċi ta' Kondotta.

D. Jagħmlu aktar possibbli l-ħidma flimkien mal-imsieħba lokali.

E. Jagħtu lill-komunitajiet sehem ikbar f'temi li huma importanti għalihom;

- L-involviment tal-komunità jiffaċilita l-ftehim aktar ħolistiku dwar l-aspettattivi relatati mal-għoti tas-servizzi, jipprovdi idea aktar oġġettiva dwar l-effetti ta' proċeduri burokratiċi mhux neċessarji, joħloq interess ogħla fid-deċiżjonijiet tal-kunsill u jikkontribwixxi għall-użu tal-'konsultazzjoni' bħala għodda razzjonali fil-proċess ta' teħid tad-deċiżjoni.

F. Jiffaċċjaw l-isfidi li huma marbuta mar-realtajiet ta' daqs, demografiċi, ekonomiċi, ambjentali u soċjali.

G. Jinkludu kwistjonijiet soċjali bħal akkomodazzjonijiet xierqa li wieħed jista' jakkwista, l-inklużjoni soċjali, bdil strutturali, ix-xjuħija u l-mobilità.

H. Jintegraw l-istrateġiji lokali u nazzjonali waqt li jinvolvu l-partijiet interessati fil-ħolqien tagħhom.

I. Jiżguraw li l-istrateġiji meħuda mill-Kunsilli Lokali jkunu fl-istess kuntest tad-Direttivi tal-Unjoni Ewropea.

J. Il-proċess ta' valutazzjoni tal-ħtiġijiet u l-ħolqien tal-prijoritajiet hu funzjoni neċessarja tal-governanza lokali. Dan hu proċess li jista' jintuża biex jinħoloq l-appoġġ għaċ-ċittadin, jinkoraġġixxi l-effiċjenza u jtejjeb il-produttività. Hu mifhum li l-allinjament tal-viżjoni u l-miri mal-istrutturi tal-komunità u l-kunsill lokali jibni fiduċja u kunfidenza fil-komunità. Riżorsi limitati jmorru lil hinn ferm fejn hemm l-allinjament u l-fiduċja.

Il-proċess ta' riforma li ttieħed flimkien mat-twaqqif ta' dan id-dokument ta' politika huma t-tnejn immirati lejn l-integrazzjoni ta' żjieda aktar responsabbli fil-proċessi ta' teħid ta' deċiżjoni li jibdew fil-livell ta' gvern lokali. Il-gvern ċentrali se jkun attivament impenjat biex jagħti appoġġ għal tmexxija aktar awtonoma u jimmira li:

- jiżgura li l-ħidma tal-kunsilli lokali f'kooperazzjoni ma' entitajiet oħra twieġeb għall-isfidi nazzjonali;
- jiżdied l-interess tal-komunitajiet fil-lokalitajiet tagħhom, waqt li, min-naħa tagħhom, jiżdied l-interess fil-votazzjoni u b'riżultat ta' dan jinkoraġġixxi responsabilità demokratika fit-teħid ta' deċiżjoni;

- tiżdied l-effiċjenza fil-proċessi ta’ teħid ta’ deċiżjoni billi jnaqqas l-istrati ta’ burokrazija;

- tiżdied l-effettività fl-istandards tal-għoti tas-servizzi lokali, waqt li jiżgura li s-servizzi adattati jkunu provduti lir-residenti pemezz ta' arranġamenti ta' kooperazzjoni li jinkludi xiri kollettiv, kummissjonar mill-fornituri fil-pubbliku, setturi privati u volontarji, kuntratti jew sħubija u għoti ta’ servizz dirett.

## Noħolqu Għanijiet Immirati għall-Implimentazzjoni Effettiva tal-Politika

Il-prestazzjoni effettiva tal-kunsilli lokali hi kkunsidrata bħala waħda ċentrali biex jintlaħaq l-għan ta’ dan id-dokument ta’ politika billi jindirizza temi u sfidi identifikati, waqt li jgħin biex jintlaħqu l-għanijiet mmirati li se jkunu implimentati fil-futur fuq żmien qasir, medju u mbiegħed.

Mekkaniżmu ta’ monitoraġġ jikkomplimenta b’mod komplet l-operat tal-kunsilli lokali u jipprovdi prospettiv għal ġrajja importanti biex ikejjel il-prestazzjoni u l-effettività tal-amministrazzjoni tal-lokalitajiet li jridu jsiru permezz ta’ pjan komprensiv u li jkun implimentat b’mod effettiv permezz tal-kollaborazzjoni u r-rieda tajba tal-imsieħba, il-fornituri tas-servizzi, ir-riċevituri tas-servizzi, iċ-ċittadini tal-lokalitajiet u l-komunità ġenerali.

Ir-rwol tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali hu ċentrali minħabba li jikkontribwixxi biex jagħti appoġġ lill-kunsilli lokali billi effettivament jilħqu l-indikaturi tal-politika identifikati għal tmexxija lokali effettiva,

waqt li b'mod ċar jiżguraw li l-kunsilli lokali josservaw ir-responsabbilitajiet statutorji u amministrattivi enfasizzati fl-Att dwar Kunsilli Lokali u fid-dokument ta' Riforma.

Il-Gvern Ċentrali se jkun qed jivvaluta l-prestazzjoni billi jipprovdi appoġġ kontinwu u billi jevalwa sa fejn l-implimentazzjoni tal-attivitajiet u l-proċessi involuti mill-kunsilli lokali qed jikkontribwixxu biex jilħqu numru ta' indikaturi, l-aktar:

## 1. TISĦIEĦ FID-DEMOKRAZIJA

A. Il-Kunsilli lokali għandhom jaħdmu fi ħdan qafas ta' ħidma ta' *prinċipji demokratiċi*, fejn dawn tal-aħħar huma mekkiniżmu effettiv li jiffaċilita bl-aħjar mod il-parteċipazzjoni tal-pubbliku u l-involviment tal-komunità.

Dan id-dokument ta' politika li hu primarjament intenzjonat li jkun ta' gwida biex ittejjeb d-demokrazija permezz tal-effiċjenza, it-trasparenza, r-responsabilità u t-tmexxija sostenibbli responsabbli fil-livell ta' tmexxija lokali. Id-dokument qed ikun mmirat kemm lejn min jagħmel il-politika kif ukoll lejn il-persuni fl-amministrazzjoni tal-lokalitajiet b'kollaborazzjoni mill-qrib mal-pubbliku ġenerali.

B. Wieħed mill-għanijiet primarji hu li tkun estiża d-*demokrazija parteċipattiva*, titjieb u tkun garantita.

Fil-kuntest ta' deċentralizzazzjoni tal-gvern, "parteċipazzjoni" tirreferi għall-membri tal-komunità li jeżerċitaw id-drittijiet u r-responsabbilitajiet tagħhom premezz ta' proċessi demokratiċi. Dan ifisser li, membri tal-komunità li jipparteċipaw fit-tmexxija lokali billi jivvutaw għar-rappreżentanti eletti tagħhom tal-gvern lokali; u billi jagħżlu involviment proattiv fil-programmi u l-attivitajiet tal-gvern. Hu d-dmir ċiviku taċ-ċittadini li jifformaw gruppi ta' soċjetà ċivika bħal organizzazzjonijiet mhux governattivi (NGOs), organizzazzjonijiet li

jħallsu l-miżata u klabbs li jipprovdu servizz, li t-tnejn li huma jniedu programmi ta' għajnuna bħal meta jagħmlu pressjoni fuq il-gvern f'isem il-membri tagħhom.

C. Inżidu *l-Parteċipazzjoni tar-Residenti fit-Teħid tad-Deċiżjoni*

Dan id-dokument ta' politika għandu l-għan li jżid il-parteċipazzjoni tar-residenti fit-teħid ta' deċiżjoni; itejjeb ir-rwol tal-gruppi tal-komunità billi jipparteċipaw fl-attivitajiet tal-kunsilli lokali, isaħħaħ it-tmexxija lokali waqt li jsaħħaħ ukoll l-ekonomiji tal-lokalitajiet u jagħti setgħa lill-kunsilli biex jintegraw u jinkoraġġixxu żieda fid-devoluzzjoni tal-poter.

D. Nagħtu Sodisfazzjon liċ-Ċittadin u Nintegraw l-Affarijiet li Jappartjenu lill-Komunità billi:

i. Nagħtu appoġġ lir-relazzjoni pożittiva bejn il-kunsilli lokali u ċ-ċittadini

Uħud mill-għodda indikattivi li jipprovdu stima tar-relazzjonijiet tal-Kunsilli Lokali maċ-ċittadini huma:

1. Sens Ċiviku,
2. Setgħa tal-Komunitajiet,
3. Sejħa mill-Komunità għal azzjoni (twaqqif ta' attivitajiet),
4. Sehem fit-teħid ta' deċiżjonijiet dwar kwistjonijiet ta' importanza nazzjonali partikolari bħal proprjetà vojta, kirjiet tad-djar, l-użu tal-art, tindif tat-toroq u temi relatati mat-titjib ambjentali dirett fil-lokalitajiet.

Il-kunċett tal-involviment tal-komunità għandu jkun estiż lejn it-tfal billi:

1. Jinħolqu proċessi ta' konsultazzjoni kontinwa mal-Kummissarju għat-Tfal,
2. Jinstemgħu l-opinjonijiet tagħhom,

3. It-tfal u ż-żgħażagħ jingħataw l-opportunità li jagħmlu użu minn spazji miftuħa matul il-logħob tagħhom,
4. Jiġi estiż l-użu ta’ spazju pubbliku miftuħ għat-tfal,
5. Jintuża l-bini tal-iskejjel wara l-ħin għal attivitajiet sportivi.

ii. Nappoġġjaw relazzjoni pożittiva bejn il-kunsilli u l-imsieħba lokali

Dan id-dokument ta' politika jpoġġi fuq quddiem u jagħti prijorità lir-rekwiżiti neċessarji biex tiġi żgurata ħidma koordinata u kollaborattiva mal- Imsieħba Pubbliċi u Privati, organizzazzjonijiet volontarji u dawk mhux governattivi.

## 2. INTEJBU S-SERVIZZ TA’ KWALITÀ U NKUNU IMPENJATI LEJN IL-KARTA TA’ SERVIZZ TA’ KWALITÀ

L-involviment u l-kordinament aħjar tal-Karta ta’ Servizz ta’ Kwalità mill-Kunsilli Lokali hu bla ebda dubju għan ieħor immirat għall-implimentazzjoni prospettiva.

Taħt **l-inizjattivà tal-Karta ta’ Servizz ta’ Kwalità**, id-dipartimenti jew entitajiet jippubblikaw l-karti fejn huma jikkommettu lilhom infushom li jilħqu l-istandards imwaqqfa tal-għoti ta' servizz. Qabel ma jiġi ppubblikat l-istatut tiegħu, id-dipartiment jew l-entita’ tanalizza bir-reqqa l-livell ta’ servizz preżenti tiegħu u t-temi ewlenin li jinfluwenzaw dan is-servizz, fejn jidentifikaw oqsma għal titjib anki permezz tal-għodda ta’ riċerka bħal stħarriġ għall-klijenti.

L-għan tal-Karta hu li:

- Jidentifika l-ħtiġijiet tal-konsumaturi permezz ta’ riċerka tas-suq kontinwa
- Jitwaqqfu standards tal-kejl tal-prestazzjoni u l-prattika
- Jipprovdi Provvediment ta’ uffiċċji ċiviċi addizzjonali biex jiffaċilitaw l-effiċjenza fl-għoti tas-servizzi

- Jipprovdi żona integrata fuq bażi ta' servizzi permezz tal-iżvilupp kontinwu u l-provvediment li tinqeda f'post wieħed (*one stop shop*)
- Jipprovdi informazzjoni fuq u titqajjem kuxjenza dwar is-servizzi permezz tal-użu kontinwu tat-teknoloġija tal-komunikazzjoni u l-informazzjoni moderna
- Jiżgura li l-istudju meħtieġ tal-konsiderazzjonijiet bħal faqar, sess, ugwaljanza, sostenibbilità u kwistjonijiet marbuta mal-iżvilupp soċjo-ekonomiku f'żoni rurali
- Jintroduċu u jipparteċipaw fl-Iskemi Nazzjonali ta' Rikonoxximent tal-Kwalità marbuta mar-responsabilità soċjali u ambjentali
- Isaħħaħ il-governanza demokratika u tmexxija effettiva u trasparenti.

## 3. NIKKONTRIBWIXXU LEJN L-ATTIVITAJIET LI JĠIBU MAGĦHOM L-INKLUŻJONI SOĊJALI

Il-premessa bażika għat-twaqqif ta' dan id-dokument ta' politika hi bbażata l-aktar fuq prijorità orizzontali nazzjonali f'Malta li tipprevedi t-titjib tal-kwalità tal-ħajja taċ-ċittadini u l-komunitajiet. Din il-premessa tindika l-ħtieġa li nipprovdu l-komunitajiet b'għodod varji ta' setgħa li, min-naħa tagħhom, itaffu l-forom potenzjali ta' faqar u esklużjoni soċjali li huma eżistenti jew li jistgħu jiżviluppaw f'Malta.

Il-Gvern Ċentrali u l-Gvern Lokali se jkunu qed jaħdmu flimkien biex jippromwovu l-inklużjoni soċjali permezz ta' sensiela ta' attivitajiet u s-servizzi lokali billi jappoġġjaw l-opportunitajiet ugwali flimkien mal-aċċessibilità intellettwali u fiżika għal kulħadd. Il-kunsilli lokali huma mistiedna li jwettqu uħud minn dawn l-inizjattivi fil-lokalitajiet rispettivi tagħhom li jinkludu aċċessibilità aħjar għall-anzjani u l-persuni b'diżabilità u ċentri tal-komunità.

Opportunitajiet oħra li l-kunsilli lokali huma mistiedna li jsostnu biex il-komunitajiet jkollhom aktar aċċess huma:

- It-twaqqif ta' numru ta' attivitajiet primarji adatti għall-inklużjoni soċjali

- L-identifikazzjoni ta' attivitajiet li jagħmlu parti minn proġett li jikkontribwixxu lejn temi ta' importanza strateġika nazzjonali bħall-immaniġġjar tal-iskart
- Jappoġġaw ir-responsabilità korporattiva u soċjali tal-investiment intraprenditorjali
- Jappoġġjaw koeżjoni soċjali u komunitarja
- Jippromwovu l-ġid soċjali, ekonomiku, ambjentali u kulturali tal-komunitajiet fil-preżent u għall-futur
- Jirrikonoxxu u jħeġġu l-qsim ta' prattiċi tajba
- L-applikazzjoni tal-approċċ ta' żvilupp sostenibbli fil-ħidma tal-kunsilli lokali f'isem il-komunitajiet

## 4. NIPPROTEĠĠU U NTEJBU L-AMBJENT

Il-Kunsilli Lokali huma partijiet interessati kruċjali li jipproteġġu l-ambjent. Fil-fatt huma kkunsidrati li għandhom rwol importanti biex jiżguraw li l-impatti ambjentali jkunu qed jingħataw kunsiderazzjoni xierqa fl-attivitajiet lokali kollha li jsiru billi:

- Jimmaniġġjaw attivament il-patrimonju naturali u mibni tal-lokalità;
- Jiżguraw li r-riżorsi adegwati jkunu disponibbli għall-implimentazzjoni effettiva tar-regolamenti ambjentali, ħruġ ta' liċenzji u funzjonijiet ta' infurzar;
- Jippromwovu kuxjenza favur l-ambjent fost il-pubbliku inġenerali, tfal tal-iskola u gruppi ta' interess billi jużaw il-mezzi kollha disponibbli ta' kommunikazzjoni;
- Jippromwovu kultura ħielsa mill-iskart;
- Jaħdmu ma' organizzazzjonijiet oħra, gruppi tal-komunità u individwi biex jippromwovu b'mod effettiv l-immaniġġjar tal-iskart, it-tneħħija taż-żibel u rimi llegali, kwalità mill-aqwa tal-ilma u l-arja, u l-adeżjoni mal-prinċipji tal-Aġenda Lokali 21;
- Jippromwovu t-tnaqqis u l-prevenzjoni tal-iskart u t-tkissir tal-ħolqa bejn it-tkabbir ekonomiku u l-produzzjoni tal-iskart.

## 5. L-IŻVILUPP SOSTENIBBLI U INTEGRAT

Din il-politika tiddeskrivi r-rwol ċentrali li l-Kunsilli Lokali se jkollhom fl-introduzzjoni u l-integrazzjoni ta' prattiċi tal-iżvilupp sostenibbli b'mod kontinwu fuq bażi tal-involviment tal-komunità lokali, il-koordinazzjoni, il-parteċipazzjoni fl-attivitajiet sostenibbli u s-sodisfazzjon finali u t-titjib tal-istandards lokali ta' għajxien.

Il-politika hija mmirata li tilħaq il-prinċipju strateġiku ewlieni marbut mal-iżvilupp sostenibbli minn fuq sal-*Livell lokali* waqt li jikkontribwixxi għal kwalità ta' ħajja aħjar fuq livell ta' komunità.

Fuq livell ta' ħidma, id-Dipartiment tal-Gvern Lokali se jipprovdi gwida u direzzjoni biex jiżgura li l-kunsilli lokali qed jindirizzaw l-għanijiet immirati identifikati mir-Riforma tal-Kunsilli Lokali nazzjonali u d-dokumenti ta' politika relatati magħha.

Dan id-dokument ta' gwida jikkumplimenta il-proċess ta' Riforma tal-Kunsilli Lokali u l-għan tiegħu hu li jintroduċi l-istrateġiji sostenibbli tal-komunità billi jagħti prijorità lill-koeżjoni tal-komunità u billi jiżgura:

- <u>Sussidjarjet</u>à

Id-deċiżjonijiet għandhom jittieħdu fil-qrib kemm jista' jkun taċ-ċittadini u fejn isiru verifiki kontinwi sabiex tiġi identifikata jekk azzjoni fuq livell ta' Komunità hijiex ġustifikata fid-dawl ta' possibilitajiet disponibbli fuq livell nazzjonali, reġjonali jew lokali.

- <u>Lokalitajiet Sostenibbli</u>

Il-konċentrazzjoni tar-Riforma tal-Kunsilli Lokali għandha l-għan partikolari li tpoġġi fil-prattika l-iżvilupp sostenibbli fl-ispettru wiesa' tiegħu billi tindirizza s-sostenibilità soċjoekonomika, ambjentali u kulturali fuq livell lokali, waqt li tikkumplimenta l-istrateġiji l-oħra tal-politika settorjali u nazzjonali. L-isfidi nazzjonali huma appoġġjati u huma responsabbli għalihom il-komunitajiet innifsihom, meta persuni

jingħataw l-opportunità li jipparteċipaw fit-teħid ta' deċiżjonijiet dwar temi li jaffettwaw il-ħajja tagħhom. It-tisħiħ ta' strutturi governattivi sottonazzjonali joħloq aktar opportunitajiet għall-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili – gruppi ta' interess, assoċjazzjonijiet tan-negozju, trejdjunjins, il-mezzi tax-xandir, eċċ. – biex ikunu involuti u jistimulaw il-parteċipazzjoni, waqt li jsemmgħu l-opinjonijiet u l-ħtiġijiet tagħhom.

- Solidarjetà fi ħdan il-formazzjoni nazzjonali tal-Kunsilli Lokali

L-ispirtu tat-tim bejn il-komunitajiet lokali u fost il-lokalitajiet hu kkunsidrat bħala l-pass 'il quddiem lejn:

-Żvilupp sostenibbli soċjoekonomiku permezz ta' titjib fl-opportunitajiet tal-impjiegi u fil-kompetittività u prosperità fuq żmien twil;

-Żvilupp sostenibbli soċjokulturali fuq bażi ta' viżjoni soċjali li jibbenifikaw minnu l-komunitajiet;

-Żvilupp sostenibbli soċjoambjentali fuq bażi ta' żvilupp ambjentali li l-għan tiegħu hu li jissalvagwardja l-benefiċċji u l-ġid tal-ġenerazzjonijiet preżenti u futuri.

## 6. IL-KONTRIBUT TAL-KUNSILLI LOKALI LEJN IL-VIŻJONI STRATEĠIKA TA' MALTA GĦAS-SOSTENIBILITÀ TAL-LOKALITAJIET GĦALL-2015

Il-kontribut tal-Kunsilli Lokali għall-ippjanar sostenibbli wiesa' u l-użu tal-art, l-iżvilupp tat-trasport, l-enerġija u l-immaniġġjar tal-iskart fost l-isfidi nazzjonali oħra huma kkunsidrati bħala approċċ fundamentali biex jgħin lil Malta ħalli tilħaq l-obbligazzjonijiet tagħha fuq skala nazzjonali li qed jinbidlu.

Il-Politika ta' Malta għall-Governanza Lokali tfittex li tindirizza u tikkumplimenta numru ta' sfidi nazzjonali għal Malta:

1. L-Ambjent/l-Enerġija u l-Immaniġġjar tat-Trasport

Mit-twaqqif tagħhom, il-Kunsilli Lokali kienu diġà impenjati f'numru ta' inizjattivi marbuta mal-immaniġġjar tal-ambjent tal-lokalitajiet.

Fil-preżent, il-Gvern Ċentrali qed iwessa' aktar l-għanijiet nazzjonali tal-ambjent u l-kunsilli lokali huma mistiedna li jkunu responsabbli, innovattivi u proattivi aktar milli reattivi billi jindirizzaw dawn l-għanijiet ġodda ta' sfida. Il-*Local Council Green Challenge Award* se tkun imnedija mill-2009 biex tippremja lill-kunsilli lokali li attivament impenjaw ruħhom f'inizjattivi ambjentali li jispiraw fiduċja għal lokalità tagħhom. Wieħed mill-għanijiet l-aktar ta' sfida fuq l-aġenda nazzjonali tal-kunsilli lokali hu marbut mal-inizjattivi ambjentali li jtaffu l-impatti negattivi ta' tibdil fil-klima.

Malta impenjat ruħha għall-miri ambizzjużi li ġew identifikati fil-Protokoll ta' Kyoto u li nħolqu biex ipoġġuna fuq pass mgħaġġel biex ineħħu l-karbonizzazzjoni mill-ekonomija Ewropea. Dawn l-għanijiet huma f'konformità mal-politika ekonomika Ewropea biex topera b'mod aktar effiċjenti billi tiġġenera żieda ta' 20% sors ta' enerġija rinovabbli sal-2020. Malta se taħdem biex iżżomm mal-obbligazzjonijiet taħt il-ftehim ta' qsim tar-responsabilità tal-UE biex tilħaq l-impenn ta' Kyoto. L-istrateġija nazzjonali hi adattata biex tikkontribwixxi lejn l-imsemmija miri, primarjament billi torbot flimkien it-tiġdid tal-użu tal-biofjuwils, billi jġibu magħhom titjib b'mod sħiħ fl-effiċjenza tal-enerġija u billi tintroduċi miżuri li jtaffu l-ogħla rati ta' emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra f'Malta u Għawdex bħala riżultat ewlieni mis-sistema ta' enerġija li ma tiġġeddidx u mis-settur tat-trasport. Malta trid tilħaq il-mira ta' 10% tal-ġenerazzjoni tal-elettriku minn sorsi ta' enerġija rinovabbli u jeħtieġ li sal-2020 tibda tuża 10% tal-biofjuwil fis-settur tat-trasport.

Fil-fatt is-sistema ta' transport f'Malta titlob aktar effiċjenza u tirrikjedi lill-komunitajiet, permezz tal-appoġġ tal-inizjattivi tal-kunsill lokali biex itejbu t-tibdil fis-sistemi ta' trasportazzjoni li ma jagħmlux ħsara lill-ambjent u jkun hemm aktar alternattivi sostenibbli ta' trasport. Din

id-direzzjoni strateġika u ewlenija tindirizza t-talba għal ambjent san, b'inqas mezzi ta' trasportazzjoni li jniġġsu u tibbenifika minn waħda mill-isfidi ewlenin ambjentali marbuta mat-tnaqqis tal-impatti negattivi fuq il-bidla fil-klima.

Il-kunsilli lokali huma mistiedna li jintegraw l-attivitajiet bħala parti mill-proġett ta' responsabilità soċjali u korporattiva u jikkordinaw mal-imsieħba li jistgħu jwasslu għal tibdil reali fis-servizzi tal-komunità, bl-għan li jikkontribwixxu pożittivament ħalli jintlaħaq kull wieħed minn dawn il-prijoritajiet għall-benefiċċju tal-lokalità, il-komunità mistiedna u lokali u soċjetà b'mod ġenerali.

2. L-Immaniġġjar tal-Iskart

Il-Kunsilli Lokali huma mistiedna li jikkontribwixxu attivament biex jappoġġjaw l-istrateġiji lokali tal-immaniġġjar tal-iskart li jikkonċentraw fuq il-kunċett ta' tnaqqis, l-użu mill-ġdid u r-reċiklaġġ tal-materjal moħli. Il-Kunsilli Lokali huma mistiedna wkoll li jikkonċentraw l-isforzi tagħhom, mhux biss billi jippromwovu s-separazzjoni tal-iskart, iżda fis-sostenn tal-forom kollha tal-inizjattivi li jwasslu lejn komunitajiet aktar etiċi u responsabbli, fejn ir-responsabilità tas-separazzjoni tal-iskart ta' din ix-xorta tista' tintuża bħala mekkaniżmu biex tinħoloq enerġija rinovabbli minn materjal ta' terraferma artifiċjali (biogassijiet).

3. L-Immaniġjar Kulturali

Il-Kunsilli Lokali għandhom l-opportunità li jsaħħu x-xenarju kulturali u artistiku li qed jikber f'Malta u Għawdex. Il-lokalitajiet qed jiġu mistiedna biex ikabbru kemm jistgħu d-diversitajiet kulturali li qed joħorġu mil-lokalitajiet rispettivi tagħhom, jippromwovu potenzjal artistiku u kreattiv lejn il-komunità lokali nnifisha, lejn il-komunitajiet mistiedna u lejn is-soċjetà ġenerali.

Il-promozzjoni tad-diversità multikulturali fi ħdan il-komunitajiet iġġib magħha rwol aħjar għall-gruppi tal-komunità parteċipattivi u l-

parteċipazzjoni tar-residenti. Ftehimiet ta' ġemellaġġ tal-ibliet jappoġġjaw l-kunċett ta' arrikiment kulturali permezz tad-diversità u l-kontribut lejn sens ta' identità soda kemm fil-kuntest lokali kif ukoll f'dak Ewropew. Aħna qed infittxu li nippromwovu l-kunċett ta' 'unità fid-diversità' billi ntejbu l-kontinwità tal-ftehim ta' ġemellaġġ tal-irħula kemm fuq livell lokali bejn ambjenti rurali u urbani u kemm fuq livell Ewropew billi nappoġġjaw bdil edukattiv, bdil kulturali u bdil tal-aqwa prattiċi. Fil-kuntest ta' programmi eżistenti tal-UE li l-għan tagħhom hu li jassistu l-arranġamenti ta' ġemellaġġ tal-ibliet fuq livell tal-UE, iktar u kooperazzjoni bejn il-kunsilli lokali Maltin u muniċipalitajiet tal-Istati Membri tal-UE li hi favorevolment inkoraġġuta u appoġġjata. Permezz tal-programm ta' finanzjament tal-Unjoni Ewropea, *Europe for Citizens* il-Gvern se jkompli jinkoraġġixxi l-promozzjoni tal-parteċipazzjoni u d-demokrazija fuq livell tal-UE; il-futur tal-UE u l-valuri tagħha; id-djalogu interkulturali; l-impjiegi, il-koeżjoni soċjali u l-iżvilupp sostenibbli; u joħolqu aktar kuxjenza dwar l-impatt soċjali tal-politika tal-UE.

Il-Ġemellaġġi tal-Ibliet u l-Proġetti taċ-Ċittadini u l-miżuri ta' appoġġ huma azzjonijiet li se jkunu mħeġġa għall-benefiċċju tal-globalizzazzjoni u l-integrazzjoni Ewropea li tinkludi fost oħrajn temi relatati mal-migrazzjoni, is-sigurtà, l-impjiegi, l-ambjent, il-multikulturaliżmu u r-rappreżentazzjoni politika.

Hu mifhum li l-valuri importanti tal-komunità li joħorġu minn spettru wiesa' tal-wirt lokali tanġibbli u mhux tanġibbli, l-arti eżekuttiva u viżwali, snajja tal-komunità lokali, id-disinn, l-arkitettura u r-riklamar, jikkontribwixxu effettivament lejn il-ħolqien ta' viżjoni ta' komunità kulturali soda u ta' suċċess.

Il-Kunsilli Lokali qed ikunu mistiedna biex jappoġġjaw koperazzjoni kulturali armonjuża, b'mod partikolari permezz tat-twaqqif ta' attivitajiet u programmi organizzati kemm fuq livell ta' komunità lokali kif ukoll permezz ta' attivitajiet konġunti li jagħmluha possibbli permezz tat-twaqqif tal-Kumitati Reġjonali. Dawn il-programmi ta'

attivitajiet kulturali huma kkunsidrati bħala proċess ċentrali importanti fl-effetti pożittivi soċjoekonomiċi minn fuq sa isfel lejn is-soċjetà ġenerali. Il-vijabilità ekonomika ta' dawn il-programmi tal-attivitajiet kulturali jiddependi l-aktar fuq strateġiji ta' ippjanar komprensiv u, min-naħa tagħhom, jitolbu teknika ta' stima ta' nfiq bil-quddiem. Il-kunsilli lokali qed jiġu mistiedna biex jgħaqqdu l-isforzi tagħhom lejn is-sostenn tal-opportunitajiet ta' impjiegi li jġibu magħhom varjeta' ta' riżultati pożittivi u d-distribuzzjoni tal-effetti tal-introjtu li jilħqu s-sisien tas-soċjetà.

Mekkaniżmu funzjonali u koperattiv bejn il-kunsilli lokali hu kkunsidrat trivjali għal Malta biex tilqa' b'suċċess il-*European Capital of Culture 2018,* permezz ta' sistemi ta' ippjanar effettiv li huma previsti li jibdew fl-2012. Il-kunsilli lokali għandhom irwol ċentrali biex imexxu 'l quddiem attivitajiet kulturali jew permezz ta' attivitajiet konġunti jew permezz ta' approċċi individwali. Il-pjanijiet kulturali organizzati fuq livell ta' komunità lokali huma neċessarji biex imexxu 'il quddiem l-awtentiċita' u d-diversità tal-prodott kulturali Malti ma' dawk ta' stati membri oħra tal-Unjoni Ewropea.

Se jitniedu wkoll skemi mill-Gvern Ċentrali biex jinċentivaw l-organizzazzjoni tal-attivitajiet relatati mal-patrimonju li jżidu l-kuxjenza tal-lokalitajiet lejn viżitaturi lokali u barranin bl-istess mod.

4. Konservazzjoni Urbana u riġenerazzjoni

Il-kunsilli lokali se jkunu provduti bi rwol attiv biex jappoġġjaw l-iskema finanzjata mill-UE li l-għan tagħha hu li tappoġġja l-konservazzjoni u r-restawrar tal-bini, b'mod partikolari l-bini urban u storiku li kien mibni qabel is-snin 30.

Il-kunsilli lokali huma mħeġġa aktar biex jieħdu sehem f'attivitajiet li jappoġġjaw:

a. Il-preservazzjoni u jtejbu l-kwalità ambjentali u l-prodott tal-wirt lokali u

b. Jgħinu fl-implimentazzjoni ta' inizjattivi ta' żvilupp sostenibbli li jingħataw promozzjoni minn Entitajiet tal-Gvern u Dipartimenti u aġenziji statutorji nazzjonali fl-għoti tal-Pjanijiet Nazzjonali tal-Iżvilupp.

5. <u>L-Ekonomija</u>

Bħala miżura li toħroġ mill-Istimi Finanzjarji Nazzjonali għall-2009, l-appoġġ ekonomiku dirett lejn il-kunsilli lokali żdied b'€4.06 miljun lira. Iż-żieda finanzjarja allokata diretta u indiretta fil-kunsilli lokali hi kkunsidrata li tipprovdi aktar opportunitajiet għall-ippjanar tal-proġetti, l-attivitajiet prospettivi u l-implimentazzjoni tal-programmi.

Is-setgħa tal-kunsilli lokali hija dik li tappoġġja l-vijabilità ekonomika tal-komunitajiet billi tappoġġja l-investiment tal-intrapriżi li jkollhom r-Responsabilità Korporattivà u Soċjali (*Corporate Social Responsible* – CSR). *Skema tal-Kunsilli Lokali għall-Premju ta' Appoġġ tal-Entrapriżi*, liema skema hi speċifikament immirata lejn it-tisħiħ tal-livell kompetittiv tal-intrapriżi li joperaw fi ħdan il-lokalità. Il-kofinanzjament se jkun allokat fuq bażi ta' livell ta' kompetittività li l-intrapriżi jipprovdu lejn il-komunità, il-ġenerazzjoni ta' introjtu, l-effetti moltipliċi li jinħolqu u l-impatt retrospettiv li jirriżulta minn żieda fl-opportunitajiet ta' impjiegi u l-iżvilupp soċjoekonomiku.

6. <u>It-Turiżmu</u>

Il-Politika Nazzjonali ta' Malta dwar it-Turiżmu (2007-2011) tidentifika b'mod ċar ir-rwol attiv tal-kunsilli lokali fiż-żamma taż-żoni turistiċi. Din il-politika tagħti importanza biex lill-fatt li jiġi żgurat li l-lokalitajiet kollha jagħmlu valorizzazzjoni tal-assi tal-patrimonju tanġibbli u mhux tanġibbli permezz ta' proġetti u attivitajiet innovattivi li, min-naħa tagħhom, jiżguraw prodott turistiku aktar arrikkit u diversifikat u inqas staġonali, li jidderiġi pożittivament lill-viżitaturi lejn il-lokalitajiet kollha ta' Malta u Għawdex.

B'żieda ma' dan, il-Pjan Nazzjonali ta' Malta dwar it-Turiżmu jiddeskrivi r-rwol tal-Awtorità tat-Turiżmu ta' Malta (MTA) fl-implimentazzjoni tal-investiment, b'mod partikolari għal dawk l-oqsma li huma ta' interess partikolari għall-komunità turistika. Dan il-pjan jiddeskrivi li l-eżerċizzju taż-żona turistika se jkompli bl-identifikazzjoni ta' oqsma oħra li se jkunu klassifikati bħala oqsma turistiċi. Il-kunsilli lokali għandhom rwol kruċjali li jappoġġjaw dan l-eżerċizzju deskritt. Se tingħata prijorità għaż-żamma tal-qalba tal-villaġġ, żoni ta' konservazzjoni urbana, iż-żoni rurali u oqsma oħra protetti. Il-Kunsilli Lokali huma partijiet ta' interess kruċjali li jiżguraw li dawn il-karatteristiċi lokali huma deskritti b'mod ċar biex jinżamm front strateġiku kompetittiv mibni fuq l-awtentiċità u d-diversità arrikita tal-prodott turistiku Malti. Se jittieħdu inizjattivi flimkien mal-awtoritajiet kompetenti biex jinċentivaw l-iżvilupp ta' akkomodazzjoni awtentika bħal lukandi lussużi (*boutique hotels*) fi ħdan il-lokalitajiet varji li fil-preżent joffru servizzi limitati lejn l-individwu u vjaġġaturi speċjalizzati.

7. <u>Inkabbru sal-Massimu l-Opportunitajiet ta' Finanzjament mill-UE</u>

Il-kunsilli lokali għandhom l-opportunità li jikkontribwixxu effettivament għal temi ta' importanza strateġika nazzjonali. Din l-opportunità se tkun imtejba aktar, partikolarment jekk dawn l-entitajiet huma pprovduti bl-għodda meħtieġa li jiżguraw l-implimentazzjoni ta' direzzjoni strateġika ta' din ix-xorta. Billi jiżguraw li r-riżorsi finanzjarji u umani jinsabu f'posthom, il-kunsilli lokali se jkunu armati aħjar biex jindirizzaw l-isfidi strateġiċi permezz ta' approċċ magħmul apposta għal-lokalità. Aħna nemmnu li l-kunsilli lokali għandhom irwol ċentrali billi jiskopru opportunitajiet ta' finanzjament mill-UE għall-benefiċċju tal-lokalità, il-valorizzazzjoni tal-assi fi ħdan dik il-lokalità u għall-benefiċċju tal-komunità nnifisha.

L-assistenza pprovduta mill-entitajiet governattivi bħal Malta EU Steering Action Committee (MEUSAC) u l-Unità ta' Finanzjament

rispettiva li twaqfet fi ħdan dan il-kumitat, jirrifletti pass importanti fl-isforzi tal-gvern ċentrali billi jipprovdi assistenza fuq livell lokali u għajnuna lill-Kunsilli Lokali biex jidentifikaw l-opportunitajiet ta' finanzjament mill-UE u t-tkomplija tal-formoli ta' applikazzjoni għal proġetti lokali prospettivi ffinanzjati mill-UE.

## 6. VALORIZZAZZJONI TAR-RIŻORSI UMANI

Dan id-dokument jappoġġa lill-kondizzjonijiet meħtieġa biex tinħoloq aktar kapaċità fil-kunsilli lokali fl-ippjanar, l-implimentazzjoni, it-tmexxija u l-monitoraġġ tas-servizzi mogħtija lill-kostitwenti tagħhom u biex niżviluppaw ħaddiema mill-aktar motivati, imħarrġa u li jikkonċentraw fuq il-konsumatur.

Billi jirċievu awtonomija politika, amministrattiva, finanzjarja u ta' ppjanar, l-awtoritajiet lokali saru responsabbli għall-ippjanar, l-implimentazzjoni, it-tmexxija u l-monitoraġġ tal-għoti tas-servizz fuq livell lokali. Politika ta' deċentralizzazzjoni tinkludi l-forniment tar-riżorsi għall-għoti ta' servizz effiċjenti kif ukoll l-għajnuna biex jinħolqu l-kapaċitajiet meħtieġa u biex tgħammar l-istituzzjonijiet lokali.

Fuq bażi ta' żieda fid-devoluzzjoni tal-poter u t-titjib tar-responsabilitajiet, il-kunsilli lokali għandhom bżonn kontinwament u formalment jibnu l-kapaċità u t-taħriġ f'oqsma ta' operat essenzjali. Id-Dipartiment tal-Gvern Lokali se jagħmel l-isforzi tiegħu billi jipprovdi korsijiet ta' taħriġ kontinwu strutturat partikolarment għall-Kunsilliera eletti. L-ewwel sett ta' suġġetti tnieda f'Ottubru 2008 u jindirizza temi ewlenin li huma konsidrati kruċjali biex l-operat amministrattiv ikun aktar effettiv. Suġġetti bħal dawn huma marbuta ma' kapaċitajiet tekniċi u bażiċi. Il-kapaċitajiet tekniċi huma mmirati permezz ta' suġġetti li jindirizzaw l-obbligazzjonijiet legali statutorji li joħorġu mill-*Att dwar il-Kunsilli Lokali* u leġiżlazzjoni sussidjarja relattiva, li tinkludi *Ordnijiet Permanenti*, liġijiet lokali, kif ukoll regolamenti u proċeduri finanzjarji, ta' sejħiet għall-offerti u l-awditjar.

Kapaċitajiet oħra interpersonali u etiċi huma indirizzati permezz ta' suġġetti li jikkonċentraw fuq it-trasparenza, ir-responsabilità, l-imġiba etika, ir-rwol tal-membri tal-kunsilli lokali u s-Segretarji Eżekuttivi, il-prinċipji ta' governanza tajba, ħidma bħala parti minn tim u kapaċitajiet ta' tmexxija.

Il-kunsilli lokali għandhom rwol ċentrali biex jipproponu pjan meqjus għat-tkabbir soċjoekonomiku tal-lokalitajiet waqt li jappoġġjaw pjan ta' din ix-xorta billi:

- <u>Isostnu l-Impjiegi</u>

Il-mudelli ta' impjiegi f'ħdan ħafna lokalitajiet huma varji ħafna, b'konċentrazzjoni ta' qgħad f'lokalitajiet partikolari li huma ta' spiss qrib fejn jistgħu jinstabu ħafna mill-impjiegi lokali. Aktar jista' jsir permezz ta' sforz kollaborattiv bejn il-kunsilli lokali biex jittaffew dawn it-tendenzi waqt li jappoġġjaw dawk li huma l-aktar imbegħda mis-suq tax-xogħol biex min m'għandux xogħol ikun involut mill-ġdid permezz ta' sistemi innovattivi.

Il-kunsilli lokali għandhom rwol ċentrali biex ikabbru l-kollaborazzjoni mal-oqsma tal-impjiegi, jiżguraw li hemm ħafna opportunitajiet ta' xogħol għal dawk l-aktar imbegħda mis-suq tax-xogħol waqt li jiggarantixxu wkoll il-kapaċitajiet u t-taħriġ huma disponibbli biex jilħqu l-ħtiġijiet ta' min iħaddem u l-komunitajiet lokali.

- <u>Ninvestu fl-Edukazzjoni</u>

L-impjegati tal-Kunsilli Lokali jeħtieġ li jkunu pprovduti b'qafas ta' ħolqien ta' ħidma effettiva fl-oqsma relatati mat-tkabbir tal-opportunitajiet ta' finanzjament mill-UE għal proġetti relatati mal-iżvilupp fil-livell lokali ta' komunita' u fuq skala nazzjonali. Dan il-mekkaniżmu jipprovdi valur miżjud lil-lokalitajiet fl-operat effiċjenti tagħhom u fl-atteġġjament tagħhom lejn l-arrikiment tal-oqsma tal-patrimonju tanġibbli u mhux tanġibbli fi ħdan il-lokalitajiet tagħhom. Il-ħolqien ta' unit speċifika fi ħdan il-MEUSAC hu intiż li jipprovdi

għajnuna u tixrid ta' informazzjoni biex jiġu skoperti opportunitajiet ta' finanzjament mill-UE, waqt li jxerrdu aktar kuxjenza lejn spettru aktar wiesa' ta' partijiet interessati, fejn tnejn minnhom huma l-Kunsilli Lokali u l-NGO's.

Ir-rwol tal-Dipartiment tal-Gvern Lokali hu kruċjali biex ittejjeb il-kompetenza tal-kunsilliera permezz ta' korsijiet ta' Żvilupp Professjonali Kontinwu (*Continuous Professional Development* - CPD). Dan se jagħmilha possibbli għall-kunsilliera biex jilħqu b'mod effettiv ir-responsabilitajiet tal-uffiċċju tagħhom. Id-Dipartiment tal-Gvern Lokali beda dan il-proċess mal-Kunsilliera eletti rispettivament matul l-Elezzjonijiet Lokali tal-2008.

- <u>Nikkonċentraw fuq it-Tagħlim Tul il-Ħajja fil-Komunità u Nibnu l-Kapaċità</u>

L-awtoritajiet lokali tal-impjiegi b'kollaborazzjoni mad-Dipartiment tal-Gvern Lokali u l-kunsilli lokali għandhom rwol ewlieni fil-:

- Formazzjoni ta' programm ta' taħriġ u tagħlim tul il-ħajja li hu kkonċentrat b'mod qawwi fuq l-ħtiġijiet ta' min iħaddem u l-individwi, waqt li jiżgura li l-forniment ta' kapaċitajiet li jaqblu mat-talbiet tal-ekonomija lokali;

- Jaraw li hemm titjib fl-għoti tal-impjiegi u ż-żamma tal-impjiegi, il-ħolqien ta' kultura pożittiva fi ħdan il-lokalitajiet f'dak li jirrigwardja l-kundizzjonijiet tax-xogħol tajba, waqt li jappoġġjaw rati ta' impjiegi ogħla, partikolarment għal gruppi żvantaġġati;

- Jiżguraw li l-impjegati li jaħdmu mal-Kunsilli Lokali huma familjari sew mat-temi relatati mal-patrimonju, b'enfasi partikolari fuq l-inventarju u l-preservazzjoni tal-wirt lokali. L-introduzzjoni tal-korsijiet ikkonċentrati fuq l-valorizzazzjoni tal-kultura u l-patrimonju mmirati lejn impjegati li jaħdmu mal-kunsilli lokali huma funzjoni ewlenija biex tiddaħħal fehma pożittiva tal-assi tal-

lokalitajiet. Għarfien ta' din ix-xorta jservi bħala pass 'il quddiem lejn fehma tal-valur tal-komunità u jitqies importanti, b'mod partikolari biex tingħata promozzjoni lill-belt rispettiva permezz tal-ftehim ta' ġemellaġġ tal-ibliet;

- Itejbu l-prestazzjoni ekonomika b'mod sħiħ fil-lokalijiet billi jipprovdu l-qafas ta' ħidma aħjar li jitratta l-ispazji ta' kapaċità fuq livell lokali fil-kuntest tat-talbiet ta' kapaċità mill-entrapriżi;

- Billi jikkonċentraw fuq it-talbiet ħalli jiżguraw li jkun hemm il-ħaddiema li jkollhom kapaċitajiet u motivazzjoni għolja f'kull lokalità, il-komunitajiet rispettivi jsibu lilhom infushom fuq l-istess livell ta' kompetizzjoni billi jieħdu ħsieb l-aspett soċjo-ekonomika tal-iżvilupp sostenibbli;

Fil-kuntest ta' dan ir-rekwiżit biex titwaqqaf kompetizzjoni fl-istess livell fi ħdan il-kunsilli lokali permezz tal-potenzjal offrut mir-riżors uman, il-gvern lokali hu responsabbli li:

1. Jfittex opportunitajiet innovattivi għall-implimentazzjoni ta' pjanijiet ta' taħriġ u żvilupp u evalwazzjonijiet tal-prestazzjoni għall-impjegati u l-kunsillieri;

2. Jiżviluppa l-parteċipazzjoni tal-impjegati billi jżid il-kommunikazzjoni, id-delegazzjoni u r-responsabilità permezz ta' l-għodda meħtieġa;

3. Jiżgura li jingħata rispons regolari lill-impjegati kollha fil-prestazzjoni tal-funzjonijiet tagħhom, permezz tal-implimentazzjoni ta' Sistemi ta' Żvilupp għal Prestazzjoni tat-Tmexxija;

4. Jinvolvi l-impjegati f'konsultazzjoni sinifikanti f'kull proċess tal-bidla organizzattiva;

5. Jiffaċilita l-għoti ta' servizzi ta' kwalità permezz ta' politika sostenibbli għall-immaniġġjar tar-Riżorsi Umani;

6. Ikomplu jiżviluppaw il-funzjoni ta' ġid tal-impjegati u l-iskemi ta' appoġġ tal-istaff;

7. Jappoġġja l-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja u l-iskemi favur il-familja;

8. Jirrikonoxxi l-importanza ta' Saħħa u Sigurtà fil-post tax-xogħol u l-għoti tas-servizzi;

9. Jiżgura li l-impjegati tal-kunsilli lokali jkunu kapaċi li jaħdmu b'mod kollaborattiv mal-aġenziji tal-gvern u l-imsieħba u l-partijiet l-oħra interessati;

10. Jimmoniterja u jeżamina l-prestazzjoni effettiva tar-rwoli u d-dmirijiet definiti tas-sindki, viċi sindki, segretarji eżekuttivi u membri tal-kunsill

11. Jirrikonoxxi tmexxija b'saħħitha bħala l-forza ewlenija tat-titjib tal-gvern lokali. Tmexxija effettiva u b'saħħitha fil-kunsilli lokali toħroġ minn:
    - Responsabilità
    - Imparzjalità u Integrità
    - Kapaċitajiet Amministrattivi, Proċeduri ta' Monitoraġġ u ta' Skrutinju
    - Impenn mis-sindki u l-membri tal-bord tal-kunsill
    - Il-kapaċità li tiġi żgurata l-effiċjenza u jkun hemm il-bidla

## 8. NAPPOĠĠJAW L-IŻVILUPP KARATTERISTIKU TAL-LOKALITAJIET

Il-kunsilli lokali huma responsabbli li jidentifikaw u jtejbu l-potenzjal tal-lokalitajiet tagħhom billi:

- Jappoġġjaw l-oqsma rurali strutturali tal-lokalitajiet u kull forma ta' inizjattiva sostenibbli li tkun qed isir fl-oqsma tagħhom;

- Jippromwovu l-iżvilupp rurali permezz ta' strateġija ta' aktar ħeġġa għas-sostenn u l-bini ta' ekonomiji rurali, fuq bażi ta' titjib fit-trasport, kommunikazzjoni u enerġija li huma relatati mal-bqija tal-gżejjer, titjib fl-aċċess tas-servizzi marbuta mal-aspett soċjali, u l-kwalità ta' ħajja;

- Jirrikonoxxu l-ħidma li qed isir minn sensiela ta' organizzazzjonijiet statutorji u mhux governattivi, gruppi komunitarji u dipartimenti tal-kunsill madwar il-pajjiż biex jinħolqu opportunitajiet, servizzi u faċilitajiet għal kulħadd l-aktar lil dawk li huma żvantaġġati minħabba nuqqas ta' aċċessibilità fiżika jew ċirkostanzi oħra;

- Jidentifikaw u jappoġġjaw oqsma strutturali fraġli fi ħdan il-lokalitajiet, itaffu it-tnaqqis fil-popolazzjoni u kull tneħħija ta' servizzi u faċilitajiet fil-futur.

- Iniedu skema ta' darba biex tassisti fir-restorazzjoni tal-bini residenzjali storiku kif elenkat mill-MEPA f'ibliet u villaġġi madwar Malta u Għawdex.

- Se jitħejjew proġetti pilota fil-lokalitajiet għall-kreazzjoni ta' strateġija ta' żvilupp sostenibbli fi ħdan il-lokalitajiet.

## 9. PARTEĊIPAZZJONI TAL-KOMUNITÀ

Il-Kunsilli Lokali għandhom rwol ċentrali billi jwieġbu lill-persuni meta jgħaddu s-suġġerimenti jew jaraw li tittieħed azzjoni. Għalhekk huwa l-għan tal-gvern li jappoġġja lill-kunsilli lokali billi jagħmlu użu pożittiv

mill-għodda elettronika bħal siti, posta elettronika u siti personalizzati flimkien ma' għodda konsultattivi bħal fuljetti u laqgħat, peress li dawn huma modi effettivi biex ikabbru sal-massimu l-benefiċċji pożittivi li joħorġu mir-rispons kontinwu tal-komunità u l-konsultazzjoni pubblika.

Hu mifhum li billi tagħmel użu effettiv mill-parteċipazzjoni tal-komunità fil-proċessi ta' teħid ta' deċiżjoni, kull lokalità tkun katalista għal żieda ta' *demokrazija lokali*, li tqis l-iżvantaġġi u l-gruppi ta' minorità. Il-parteċipazzjoni tal-komunità hi wkoll għodda effettiva fit-titjib tal-mandat rappreżentattiv tal-kunsilliera u t-tmexxija ħalli jitjiebu l-isforzi li jwasslu għal żieda fil-persuni li ħarġu jivvotaw, waqt li tkun bħala mekkaniżmu pożittiv għat-tnissil ta' aktar sens ta' kburija lokali.

Il-kunsilli lokali huma mistiedna wkoll biex ikabbru sal-massimu l-benefiċċji li joħorġu mir-rispons tal-komunità billi:

- Jappoġġjaw sistemi ta' sħubija mal-komunità u mas-settur volontarju; b'effett ta' dan, se titnieda skema li biha l-organizzazzjonijiet mhux governattivi se jingħataw perċentwal ta' ħlas lura fuq l-ispejjeż tagħhom (sostnuti b'irċevuti tal-VAT) fuq attivitajiet organizzati fi ħdan il-lokalitajiet.

- Jappoġġjaw ir-rappreżentanza tal-komunità u tas-settur tal-volontarjat;

- Jagħmluha possibbli u jippromwovu l-parteċipazzjoni fl-iżvilupp ta' governanza lokali u tal-komunità, li tinkludi fora taċ-ċittadini u mezzi oħra ta' rispons miċ-ċittadini;

- Jistimulaw u jinkoraġġixxu gruppi ta' persuni biex jesprimu l-ħtiġijiet tagħhom, jappoġġjawhom fl-azzjoni kollettiva tagħhom u jgħinu lil dawn it-tipi ta' gruppi permezz ta' proġetti u skemi tal-kunsilli lokali;

- Itejbu u jippromwovu l-użu tal-isports u l-faċilitajiet ta' rikreazzjoni;

- Itejbu l-infrastruttura tal-komunità soċjali u fiżika.

Relazzjoni effettiva bejn il-gvern lokali u ċ-ċittadini sseħħ b'mod partikolari, meta l-kunsilli lokali jifhmu l-livelli omoġenji u ta' diversità tal-lokalitajiet billi jevalwaw:

- Strutturi ta' impatt soċjali,
- Xejriet fid-daqs tal-poplazzjoni,
- Struttura ta' età (popolazzjonijiet li qed jixjieħu jew popolazzjonijiet żgħażagħ),
- Xejriet taż-Żamma (Ikkunsidraw xejriet ta' żamma tal-komunitajiet residenzjali u xejriet ta' żjarat ripetuti mill-viżitaturi)
- Id-densità tal-popolazzjoni lokali (medja nazzjonali ta' 1,285 persuni għal kull kilometru)
- Sens Ċiviku
- Komunitajiet b'aktar drittijiet
- Sejħa tal-Komunità għal azzjoni (twaqqif ta' attivitajiet tal-komunità),
- Rispons tal-Komunità lokali u s-sehem fit-teħid ta' deċiżjonijiet dwar temi relatati fuq:
-
  - proprjetajiet mhux abitabbli
  - kiri tad-djar
  - servizzi ta' tindif tat-toroq
  - ir-riforma tat-trasport
  - titjib ambjentali dirett
  - il-livell ta' kontribuzzjoni taċ-ċittadini lejn it-twaqqif ta' riforma ta' governanza u d-dokument ta' politika relatat

- l-ippjanar spazjali tal-lokalità f’oqsma marbuta mal-użu responsabbli tal-art, l-ippjanar tal-ispazji ħodor f’lokalitajiet fil-biċċa l-kbira urbani, ir-riforma tal-kera u r-riforma dwar l-użu tal-art, fuq l-użu aħjar ta’ oqsma pubbliċi bħal skejjel u ġonna pubbliċi

Il-Kunsilli Lokali qed ikunu mħeġġa wkoll biex:

- Jiżviluppaw strateġiji ħalli jippromwovu u jtejbu l-kommunikazzjonijiet fi ħdan il-Kunsill Lokali u wkoll fir-rigward ta’ entitajiet oħra;
- Jimplimentaw strateġija ta' relazzjonijiet pubbliċi u ta' kommunikazzjonijiet;
- Jiżviluppaw relazzjoni proattivà mal-midja;
- Jipprovdu ittra ta’ informazzjoni perjodika għall-impjegati kollha u l-partijiet l-oħra interessati;
- Jiżviluppaw u jżommu kif xieraq is-siti u l-istrateġiji elettroniċi;
- Iżidu d-disponibilità, l-aċċess u l-kommunikazzjoni tal-kanali dwar l-attivitajiet tal-Kunsilli Lokali.

## 10. EFFIĊJENZÀ U VALUR GĦALL-FLUS

Waħda mill-prijoritajiet ewlenin enfasizzati mill-gvern hi primarjament ibbażata fuq it-titjib tal-effiċjenza u effettività billi teżamina mill-ġdid l-operazzjonijiet preżenti u l-metodi ta' ħidma. Titjib fil-mod ta' operazzjoni hu jidher li jġib miegħu proċeduri funzjonali aħjar u żieda

fil-valur għall-flus waqt li tiġi żgurata l-implimentazzjoni ta' metodi aħjar li jwasslu għal prattiċi aħjar.

Is-Segretarjat tal-Konsultazzjoni Pubblika u l-Informazzjoni fi ħdan l-Uffiċċju tal-Prim Ministru qed ipoġġi 'l quddiem proposti bl-għan li jitjieb il-kunċett ta' reġjonalità f'kuntratti ta' servizz marbuta mat-tindif, skart u inizjattivi ambjentali oħra. Il-proċeduri tas-sejħa tal-offerti u l-għoti tal-kuntratti bħala konsegwenza tal-implimentazzjoni ta' servizzi ta' din ix-xorta se jkunu provduti mill-kuntratturi għall-lokalitajiet fuq bażi reġjonali kollettiva aktar milli jingħataw lill-individwu għal kull lokalità. Dawn il-mekkaniżmi ta' sejħa ta' offerti huma meqjusa li jġibu magħhom l-ekonomiji fil-kobor permezz ta' valur aħjar għall-flus u żieda fl-effiċjenza. Aktar minn hekk, il-gvern qed jikkonċentra wkoll l-isforzi tiegħu fuq il-kunċett tal-involviment flimkien tal-partijiet interessati fejn il-kumitati tal-kunsilli lokali, l-ADT, il-MEPA u d-dipartiment tat-Tindif qed jappoġġjaw b'mod proattiv l-implimentazzjoni ambjentali dwar l-attivitajiet fil-lokalitajiet.

Permezz ta' dan id-dokument ta' politika u l-promozzjoni tat-twaqqif prospettiv tal-Ħames Kumitati Reġjonali (wieħed f'Għawdex u erbgħa f'Malta) kif imniżżla fil-proċess li sar għar-Riforma tal-Kunsilli Lokali, il-gvern qed jintegra l-kunċett ta' reġjonalità, fejn il-lokalitajiet qed ikunu mħeġġa biex iħarsu 'l barra mill-konfini immedjati tagħhom biex jippromwovu l-ġid u kwalità ta' ħajja aħjar kemm lokali kif ukoll reġjonali. Dan l-approċċ jitlob aktar sinerġiji qawwija fost il-lokalitajiet tagħna fejn kull lokalità se tistinka biex tikkontribwixxi għall-miri stabbiliti fuq livell lokali u reġjonali.

It-twaqqif tal-Grupp ta' Azzjoni Lokali (*Local Action Groups* – LAGs) f'Malta u Għawdex qed jingħata promozzjoni bħala għodda effettiva li ġġib magħha żvilupp importanti u valur miżjud għall-kunsilli lokali. Dan l-approċċ lokali bi sħab jipprovdi opportunità għat-tliet LAGs proposti, li issa ġew stabbiliti jiġifieri l-Grupp ta' Azzjoni ta' Għawdex (*Gozo Action Group* - GAG), il-Grupp ta' Azzjoni tal-Majjistral (*Majjistral*

*Action Group* - MAG) u l-Grupp ta' Azzjoni tax-Xlokk (*Xlokk Local Action Group* - XLAG) li l-għan tagħhom huwa li jindirizzaw:

- l-identifikazzjoni ta' strateġija integrata ta' żvilupp lokali;
- l-irfinar u l-implimentazzjoni ta' strateġija ta' żvilupp għaż-żona;
- l-iżvilupp soċjoekonomiku permezz ta' deċiżjonijiet li jittieħdu mill-imsieħba ekonomiċi u soċjali, kif ukoll mir-rappreżentanti l-oħrajn tas-soċjetà ċivili, bħal bdiewa, persuni li jaħdmu f'oqsma rurali, nisa, żgħażagħ u assoċjazzjonijiet ta' komunità relatati.
- innovazzjoni fir-reġjuni rispettivi, billi jipproponu strateġija li żżid il-kwalità tal-ħajja għar-reġjun u r-residenti tiegħu, isiru kumitati li jagħmlu politika attiva u jservu bħala eżempju għal sħubija ta' ħidma pubblika u privata mibnija fuq l-interess taż-żona.

Dawn is-Sħubija Privati-Pubbliċi huma fformati mill-Kunsilli Lokali u l-entitajiet l-oħra privati tar-reġjun li se jaħdmu flimkien biex jippjanaw, jipproponu strateġija u eventwalment jimplimentaw il-proġetti taħt il-programm LEADER li hu ffinanzjat mill-UE.

Qed jitqies proċess proattiv għall-bidla, bħala mekkaniżmu li jġib miegħu identifikazzjoni u implimentazzjoni tal-proġett flimkien ma' deċiżjonijiet strateġiċi li jipprovdu valur għall-flus. Fl-istess kuntest ma' dan il-mekkaniżmu, il-Kunsilli Lokali qed ikunu mħeġġa li jiżguraw li:

- Il-funzjonijiet isiru fil-livelli xierqa fi ħdan l-organizzazzjoni;
- Jiġu identifikati oqsma fejn jista' jsir frankat tal-enerġija, proċeduri ta' xiri u kontroll tal-iskart fost servizzi oħrajn ta' utilità;
- Il-Kunsilli Lokali jsiru familjari aktar mal-kunċett ta' valutazzjoni tal-impatt waqt li jiżguraw li jeżistu mekkaniżmi bħal dawn;

- Jitwaqqfu indikaturi ta’ prestazzjoni fil-livelli kollha u għas-servizzi kollha.

## 11. NILĦQU L-INDIKATURI TA’ PRESTAZZJONI

Billi ma jkunx involut direttament mal -operat tal-Kunsilli Lokali u jieħu aktar ir-rwol ta’ regolatur, konsegwentment id-Dipartiment tal-Gvern Lokali se jikkonċentra primarjament fuq il-funzjonijiet li ġejjin:

a. monitoraġġ tal-prestazzjoni tal-Kunsilli Lokali permezz ta’ verifika interna u ta’ valur għall-flus;

b. monitoraġġ tas-servizzi b’kuntratt – fejn il-proċeduri tal-kuntratti għandhom josservaw ir-regolamenti tal-gvern ċentrali

c. monitoraġġ u jiżguraw konformita mal-obbligazzjonijiet u l-proċeduri statutorji u amministrattivi;

d. infurzar tal-Kodiċi ta’ Etikà tas-Sindki, Kunsillieri u l-istaff tagħhom;

e. valutazzjoni tal-eżekuzzjoni tal-Governanza Lokali f’Malta u jingħataw pariri lill-Gvern għal din ir-raġuni;

f. valutazzjoni tal-prestazzjoni tas-Segretarjat Eżekuttiv flimkien mas-Sindku u l-kunsilliera rispettivi.

Id-Dipartiment tal-Gvern Lokali se:

a. ineħħi s-servizzi ta’ amministrazzjoni u appoġġ tiegħu.

b. jirrevedi r-rwol tal-Unit tat-Taqsima tas-Servizzi – fejn din tista’ possibilment tevolvi għal Unit li tikkonċentra fuq verifika b'valur għall-flus;

c. isaħħaħ il-funzjoni ta' Verifika Interna;

d. isaħħaħ il-kapaċità ta' investigazzjoni u infurzar;

e. jiżgura trasparenza u osservazzjoni effettiva lejn l-istat tad-dritt u l-prinċipji ta' governanza tajba fuq livell amministrattiv lokali.

## Monitoraġġ tal-Implimentazzjoni tal-Politika

Il-Politika ġiet imfassla fl-istess kuntest mar-Rapport dwar ir-riżultat tal-konsultazzjoni wiesgħa li saret bħala parti mir-Riforma tal-Kunsilli Lokali.

Il-proċess ta' implimentazzjoni ta' din il-politika hu bbażat l-aktar fuq ir-rakkomandazzjonijiet li jidhru fir-Rapport tar-Riforma. Fost affarijiet oħra, dan jenfasizza t-temi li ġejjin:

- Il-ħtieġa ta' aktar titjib fir-responsabilitajiet preżenti tal-membri tal-Kunsilli Lokali;
- Il-ħtieġa ta' deskrizzjoni tar-rwoli u r-responsabilitajiet tal-entitajiet politiċi u eżekuttivi;
- Il-ħtieġa ta' koordinazzjoni aħjar bejn il-Kunsilli Lokali permezz tal-użu tal-Kumitati Reġjonali;
- Użu aħjar tal-impjegati tal-Kunsill u ħaddiema oħra li jkunu mqassma jew assenjati lill-Kunsilli;
- Żvilupp tal-Iskemi ta' Sħubija Pubbliċi-Privati l-aktar permezz tal-Gruppi ta' Azzjoni Lokali;
- Allokazzjoni mill-Gvern Ċentrali tal-fondi speċjali biex jgħinu l-implimentazzjoni tal-proġetti mill-kunsilli (inkluż l-aspett tal-kofinanzjament tal-proġetti ffinanzjati mill-UE);
- Twaqqif ta' Unit ta' Finanzjament tal-UE fi ħdan il-MEUSAC biex tgħin lill-Kunsilli fil-ħolqien ta' proposti għall-proġetti u l-mili ta' formoli ta' applikazzjonijiet;
- Il-ħtieġa li tiġi segwita l-Politika l-ġdida ta' Ġemellaġġi tal-Ibliet u politika oħra;

- It-titjib fil-formula finanzjarja dwar l-allokazzjoni finanzjarja preżenti;
- Inizjattivi ta’ qsim ta' taxxa;
- Reviżjoni tal-istrutturi fi ħdan id-Dipartiment tal-Gvern Lokali biex tiġi żgurata l-effettività tad-dipartiment stess u r-responsabbilitajiet kollha tiegħu, inkluż it-68 Kunsill Lokali madwar Malta u Għawdex;
- Inizjattivi li jiżguraw żvilupp sostenibbli fi ħdan il-lokalitajiet dwar kwistjonijiet relatati mal-aspetti soċjali, ambjentali u kulturali;
- Tagħlim tul il-ħajja;
- Post wieħed fuq livell lokali għall-provvediment ta’ servizz aħjar lill-klijenti;
- Immaniġjar tat-traffiku fil-lokalitajiet;
- Karti għal Servizz ta’ Kwalità;
- Reġjonalità – li jkun hemm netwerks permezz ta' twaqqif ta' kumitati reġjonali li jservu numru ta' lokalijiet li qegħdin taħt ir-responsabilità tagħhom.

Eżerċizzju ta’ valutazzjoni komparattiva qed jitpoġġa għall-approvazzjoni tal-Kunsilli Lokali. Dan l-eżerċizzju jeħtieġ li jkun fuq bażi ta’ realtajiet li joħroġu mill-operat funzjonali attwali tal-kunsilli lokali lejn l-għanijiet identifikati minn dan id-dokument ta’ politika u lejn ir-rakkomandazzjonijiet ewlenin deskritti fir-rapport tar-riforma. Il-kunsilli lokali huma mħeġġa li jintegraw fl-operat tagħhom il-funzjoni ta’ monitoraġġ fuq bażi ta’ qafas tal-4Cs, fejn il-kunsilli lokali huma mistiedna:

- Isegwu u jindirizzaw *l-Isfidi* deskritti;
- *Jikkompetu* billi juru li s-servizzi jingħataw b’tali mod li r-riżorsi jkunu ekonomiċi u kompettivi;
- *Jikkonsultaw* mal-imsieħba lokali kollha, partijiet interessati, negozji lokali u persuni tal-lokal dwar id-deċiżjonijiet li għandhom impatt fuq il-komunità;

- *Iqabblu* l-prestazzjoni ġenerali tal-kunsilli lokali ma' awtoritajiet lokali oħra, mal-miri mwaqqfa fuq livell reġjonali u wkoll mal-kunsilli lokali barranin, partikolarment meta jsiru ftehimiet għal ġemellaġġ tal-ibliet

Il-Gvern Ċentrali qed jistieden lill-Kunsilli Lokali f'Malta u Għawdex biex jindirizzaw b'mod sostenibbli l-ħtiġijiet tal-komunità billi jippromwovu l-iżvilupp soċjoekonomiku. Barra minn hekk, il-kunsill lokali, jeħtieġu li jikkonċentraw l-isforzi tagħhom biex iwasslu u jibnu lokalitajiet vijabbli sostenibbli kulturalment u ekonomikament.

L-għan ewlieni tagħna hu li naraw il-kunsilli lokali jaħdmu flimkien maċ-ċittadini u l-partijiet l-oħra interessati f'mudell ta' sħubija, liema mudell jipprovdi qafas ġust ta' ħidma għall-kisba tal-miri u t-titjib ġenerali tal-kwalità tal-ħajja tal-persuni.

Dan id-dokument jipprovdi qafas ta' gwida biex jiġi żgurat li l-kunsilli lokali qed iħarsu 'l quddiem, interessati li jmexxu b'mod eżemplari, jieħdu ħsieb li jżommu l-istruttura tal-lokalitajiet u lesti li jikkontribwixxu għal temi u oġġettivi ta' sfida nazzjonali, b'mod partikolari l-għan prinċipali, li l-kunsilli lokali jkunu strument biex iwassal għall-lokalitajiet sostenibbli.